



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2013/0110(COD)

15.11.2013

EMENDI 42 - 213

**Abbozz ta' rapport
Raffaele Baldassarre
(PE521.714v1-00)**

**Id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità
minn ċerti kumpaniji u gruppi kbar**

**Proposta għal direttiva
(COM(2013)0207 – C7-0103/2013 – 2013/0110(COD))**

AM_Com_LegReport

Emenda 42

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

—

Proposta għal każda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. de

Emenda 43

Sharon Bowles

Proposta għal direttiva

Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda ***d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE*** fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċertu kumpaniji u gruppi kbar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda ***d-Direttiva 2013/34/UE*** fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja, ***informazzjoni speċifika finanzjarja*** u dwar id-diversità minn ċerti impriżi u gruppi kbar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

Emenda 44

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1a) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Frar 2013 dwar ir-Responsabbiltà Soċjali

Korporattiva (CSR) (2012/2097(INI)), il-Parlament Ewropew għamilha ċara li f'soċjetà libera, l-azzjoni karitattiva ma tista' qatt tkun magħmula obbligatorja bħala parti mir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva. Rekwiżit ta' CSR inaqqas ir-rieda tan-nies li jagħtu. Il-Parlament Ewropew jerġa' jafferma dan il-prinċipju. Huwa essenzjali li dan jifforma l-bażi ta' kwalunkwe emenda għad-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE.

Or. de

Emenda 45

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Premessa -1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1a) Il-Parlament Ewropew jiċħad kwalunkwe rekwiżit ta' divulgazzjoni propost, b'mod partikolari fuq l-SMEs fir-rigward ta' impenn soċjali u ambjentali, għax dawn iwasslu għal aktar burokrazija u spejjeż kbar u jkabbru l-possibilità li r-rieda tal-impriżi li jsegwu objettivi soċjali u ambjentali tonqos, aktar milli tiżdied.

Or. de

Emenda 46

Martin Kastler, Manfred Weber

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u

lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu 'l-Att dwar is-Suq Uniku Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja, "Flimkien għal tkabbir ġdid", adottata fit-13 ta' April 2011, il-Kummissjoni tidentifika l-bżonn li **tittejjeb it-trasparenza** tal-informazzjoni soċjali u ambjentali pprovduta minn kumpaniji fis-setturi kollha, sabiex jiġi żgurat ambjent ekwu.

⁹ COM(2011) 206 finali, 13 ta' April 2011.

lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu 'l-Att dwar is-Suq Uniku Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja, "Flimkien għal tkabbir ġdid", adottata fit-13 ta' April 2011, il-Kummissjoni tidentifika l-bżonn li **żżid sa l-istess livell għoli t-trasparenza** tal-informazzjoni soċjali u ambjentali pprovduta minn kumpaniji fis-setturi kollha **madwar l-Istati Membri kollha**, sabiex jiġi żgurat ambjent ekwu.

⁹ COM(2011) 206 finali, 13 ta' April 2011.

Or. de

Emenda 47
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Sabiex tiġi żgurata l-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fil-kumpaniji, huwa essenzjali li jkun hemm iżjed trasparenza dwar l-attivitajiet ta' kumpaniji kbar, u b'mod partikolari dwar l-isem/ismijiet ta' stabbilimenti, in-natura tal-attivitajiet u l-postijiet fejn jinsabu, id-dħul, in-numru ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full time, profitti magħmula, taxxi fuq profitti mħallsa u sussidju rċevuti. Rappurtar obbligatorju f'dan il-qasam jista' għaldaqstant jitqies bħala element importanti fir-responsabbiltà korporattiva tal-kumpaniji lill-partijiet interessati u s-soċjetà.

Or. en

Emenda 48
Sharon Bowles

Proposta għal direttiva
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) Minħabba n-natura dominanti tagħhom fuq l-ekonomija u l-interess pubbliku, il-kumpaniji kbar tal-UE u l-entitajiet ta' interess pubbliku għandhom dmir ta' diliġenza u responsabilità speċjali lejn is-soċjetà. Din ir-responsabilità speċjali hija analoga għar-responsabilità speċjali tal-imġiba ta' kumpanija dominanti li tqis l-impatt usa' tal-azzjonijiet tagħhom, anke jekk tali dominanza mhix preżenti f'termini ta' analiżi tal-politika tal-kompetizzjoni. B'rikonoxximent ta' dan, il-kumpaniji kbar tal-UE u l-entitajiet ta' interess pubbliku għandhom jipproduċu rapport tar-'Responsabilità Speċjali', disponibbli għall-pubbliku, li jispeċifika l-proċeduri tagħhom biex jindirizzaw dawn il-kunsiderazzjonijiet, u l-mod ta' kif jibqgħu fil-limiti ta' mġiba korporattiva responsabbli.

Or. en

Emenda 49
Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva
Premessa 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3c) Għandu jkun permess li l-Istati Membri jeżentaw il-kumpaniji minn aspetti individwali ta' rappurtar. Dan japplika għal modifiki tad-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE u 2013/34/UE.

Emenda 50
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Premessa 3d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3d) Ir-rappurtar dwar is-sostenibilità huwa pass essenzjali għall-ġestjoni tat-tibdil lejn ekonomija globali sostenibbli, li tikkombina profitabilità fit-tul mal-ġustizzja soċjali u l-ħarsien tal-ambjent. It-trasparenza u r-responsabbilizzazzjoni issa qed isiru parti intrinsika mid-diskussjonijiet dwar l-aġenda tal-iżvilupp post-2015 u l-Miri għal Żvilupp Sostenibbli. Peress li r-rappurtar dwar is-sostenibilità jgħin fil-kejl, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-prestazzjoni u l-impatti, dan joffri opportunità biex tintuża aħjar il-kapaċità tas-settur privat biex ikollu impatt pożittiv fuq l-iżvilupp sostenibbli.

Emenda 51
Martin Kastler, Manfred Weber

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) Il-koordinazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja fir-rigward ta' intrapriżi kbar b'responsabbiltà limitata hija ta' importanza għall-interessi tal-kumpaniji, azzjonisti u partijiet interessati oħra lkoll. Il-koordinazzjoni hija meħtieġa f'dawk l-oqsma peress li l-biċċa l-kbira ta'

(4) Il-koordinazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja fir-rigward ta' intrapriżi kbar ***elenkati*** b'responsabbiltà limitata hija ta' importanza għall-interessi tal-kumpaniji, azzjonisti u partijiet interessati oħra lkoll. Il-koordinazzjoni hija meħtieġa f'dawk l-oqsma peress li l-biċċa l-

dawn l-intrapriżi joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed.

kbira ta' dawn l-intrapriżi joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Or. de

Emenda 52
Angelika Niebler

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-koordinazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja fir-rigward ta' intrapriżi **kbar** b'responsabbiltà limitata hija ta' importanza għall-interessi tal-kumpaniji, azzjonisti u partijiet interessati oħra lkoll. Il-koordinazzjoni hija meħtieġa f'dawk l-oqsma peress li l-biċċa l-kbira ta' dawn l-intrapriżi joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Emenda

(4) Il-koordinazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja fir-rigward ta' intrapriżi **elenkati b'assi totali ta' aktar minn EUR 20 miljun jew b'fatturat nett ta' aktar minn EUR 40 miljun u** b'responsabbiltà limitata hija ta' importanza għall-interessi tal-kumpaniji, azzjonisti u partijiet interessati oħra lkoll. Il-koordinazzjoni hija meħtieġa f'dawk l-oqsma peress li l-biċċa l-kbira ta' dawn l-intrapriżi joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Or. de

Emenda 53
Sharon Bowles

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Huwa wkoll meħtieġ li jiġi stabbilit ċertu rekwiżit ġuridiku minimu fir-rigward tal-ammont ta' informazzjoni li għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mill-intrapriżi madwar l-Unjoni. Ir-rapporti **annwali** għandhom jagħtu stampa ġusta u komprensiva tal-politiki, ir-riżultati, u r-

Emenda

(5) Huwa wkoll meħtieġ li jiġi stabbilit ċertu rekwiżit ġuridiku minimu fir-rigward tal-ammont ta' informazzjoni li għandha tkun disponibbli għall-pubbliku **u awtoritajiet oħra** mill-intrapriżi madwar l-Unjoni. Ir-rapporti **tal-ġestjoni** għandhom jagħtu stampa ġusta u komprensiva tal-

riskji tal-impriża.

politiki, ir-riżultati, u r-riskji tal-impriża.

Or. en

Emenda 54

Martin Kastler, Manfred Weber

Proposta għal direttiva

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Huwa wkoll meħtieġ li jiġi stabbilit ċertu rekwiżit ġuridiku minimu fir-rigward tal-ammont ta' informazzjoni li għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mill-intrapriżi madwar l-Unjoni. ***Ir-rapporti annwali għandhom jagħtu stampa ġusta u komprensiva tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji tal-impriża.***

Emenda

(5) Huwa wkoll meħtieġ li ***jkunu magħmula konformi l-ambitu u r-rekwiżiti dwar l-ammont ta' informazzjoni biex ikun żgurat l-istess livell għoli fl-Istati Membri kollha.***

Or. de

Emenda 55

Dimitar Stoyanov

Proposta għal direttiva

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Huwa wkoll meħtieġ li jiġi stabbilit ċertu rekwiżit ġuridiku minimu fir-rigward tal-ammont ta' informazzjoni li għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mill-intrapriżi madwar l-Unjoni. Ir-rapporti ***annwali*** għandhom jagħtu stampa ġusta u komprensiva tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji tal-impriża.

Emenda

(5) Huwa wkoll ***rakkomandabbli*** li jiġi stabbilit ċertu rekwiżit ġuridiku minimu fir-rigward tal-ammont ta' informazzjoni li għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mill-intrapriżi madwar l-Unjoni. Ir-rapporti ***tal-attività*** għandhom jagħtu stampa ġusta u komprensiva tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji tal-impriża, ***b'aktar trasparenza fir-rigward ta' aspetti mhux finanzjarji li jgħinu lill-impriżi jiġġestixxu r-riskju b'mod aktar effettiv u jtejbu l-kompetittività tagħhom.***

Ġustifikazzjoni

Il-ħolqien ta' rekwiżit ġuridiku minimu fir-rigward tal-livell ta' informazzjoni li għandha tkun provduta lill-pubbliku mill-impriżi fl-Unjoni hu aspekt importanti tat-tnejjiet għall-abbozzar ta' rapporti dwar informazzjoni mhux finanzjarja, għax dan se jtejjeb il-livelli ta' informazzjoni fost il-pubbliku u b'hekk jgħin biex ikun offrut appoġġ ġenwin lill-attivitajiet kummerċjali, prodotti u servizzi provduti minn impriża speċifika.

Emenda 56

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) L-attivitajiet relatati mar-responsabilità soċjali korporattiva huma volontarji u għaldaqstant ma jistgħux ikunu suġġetti għal awditjar.

Emenda 57

Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, il-kumpaniji għandhom ikunu obbligati jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, il-kumpaniji għandhom ikunu obbligati jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-

riżultati, u r-riskji relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

riżultati, u r-riskji relatati ma' dawk il-kwistjonijiet, *filwaqt li tikkunsidra l-katina kollha tal-provvista tal-kumpaniji.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rapport dwar kwistjonijiet mhux finanzjarji u r-riskju relatat magħhom mhuwiex komplut mingħajr l-informazzjoni rilevanti relatata mal-katina kollha tal-provvista.

Emenda 58 **Olle Ludvigsson**

Proposta għal direttiva **Premessa 6**

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, il-kumpaniji għandhom ikunu obbligati jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

Emenda

Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.

Or. en

Emenda 59 **Martin Kastler, Manfred Weber**

Proposta għal direttiva **Premessa 6**

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, il-kumpaniji għandhom ikunu **obbligati** jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

Emenda

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, il-kumpaniji **elenkati** għandhom ikunu **mħeġġa** jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

Or. de

Emenda 60
Angelika Niebler

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, il-kumpaniji għandhom ikunu obbligati jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

Emenda

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, il-kumpaniji **elenkati b'aktar minn EUR 20 miljun f'assi jew fatturat nett ta' aktar minn EUR 40 miljun** għandhom ikunu **mħeġġa** jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas **mar-rispett** tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

Or. de

Emenda 61

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen

Proposta għal direttiva

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, il-kumpaniji għandhom **ikunu obbligati** jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas **ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema, ir-rispett** tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

Emenda

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, il-kumpaniji **kbar** għandhom jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas **mar-rispett** tad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

Or. de

Emenda 62

Sergio Gaetano Cofferati, Evelyn Regner, Arlene McCarthy

Proposta għal direttiva

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, **il-kumpaniji** għandhom ikunu obbligati jinkludu fir-rapport **annwali** tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni **relatata tal-anqas ma'** kwistjonijiet ambjentali, soċjali u **kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema**, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u

Emenda

(6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, **l-impriżi kbar u l-entitajiet ta' interess pubbliku** għandhom ikunu obbligati jinkludu fir-rapport **tal-ġestjoni** tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni **dwar l-impatt tal-attività tal-impriżi fuq is-soċjetà, fir-rigward, mill-anqas, ta'** kwistjonijiet ambjentali,

kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-riżultati, u **r-riskji** relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

soċjali, **kwistjonijiet tal-ġeneru u tal-impjeg, inkluż id-djalogu soċjali u r-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema**, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, ir-riżultati **u l-inċidenti sinifikanti li jkunu seħħew tul il-perjodu ta' rappurtar, kif ukoll valutazzjoni tar-riskji attwali u potenzjali kollha** relatati ma' dawk il-kwistjonijiet.

Or. en

Emenda 63
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja għandha tkun ibbażata fuq diliġenza dovuta bbażata fuq riskju mwettqa minn kumpaniji biex jidentifikaw, jipprekludu u jnaqqsu l-impatti negattivi attwali u potenzjali, kif xieraq, għad-daqs tal-kumpaniji, in-natura u l-kuntest tal-operazzjonijiet u s-severità tar-riskji ta' impatti negattivi. Il-prinċipji tad-diliġenza dovuta jissemew fil-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-NU "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja", li l-Kummissjoni impenjat ruħha li tosserva.

Or. en

Emenda 64
Olle Ludvigsson

Proposta għal direttiva
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) Dwar kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema, f'din l-informazzjoni l-impriżi għandhom ikunu speċifikament ċari dwar ir-rispett tad-dritt tal-ħaddiema li jiġu informati u kkonsultati, li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi u li jieħdu azzjoni kollettiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-drittijiet tal-ħaddiema stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (Art. 27-28) huma importanti ħafna f'dan ir-rigward.

Emenda 65
Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva
Premessa 6c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6c) Rigward kwistjonijiet ambjentali, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi, fejn japplika, dettalji dwar l-impatti attwali u prevedibbli tal-operazzjonijiet ta' impriża fuq l-ambjent, is-saħħa u s-sikurezza, l-użu tal-enerġija rinnovabbli u mhijiex, l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, it-tniġġis tal-arja u l-użu tal-ilma. Rigward kwistjonijiet soċjali u dawk relatati mal-ħaddiema, l-informazzjoni provduta fid-dikjarazzjoni għandha tirrigwarda, b'mod partikulari, ir-relazzjonijiet tal-impriża mas-subkuntratturi tagħha, l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-

Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), il-kundizzjonijiet tax-xogħol, id-djalogu soċjali, is-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol u d-djalogu mal-komunitajiet lokali, kif ukoll l-azzjonijiet meħuda biex ikunu żgurati l-ħarsien u l-iżvilupp ta' dawk il-komunitajiet. Il-kwistjonijiet soċjali għandhom jinkludu wkoll imġiba responsabbli rigward l-ippjanar tat-taxxa biex ikun żgurat li sehem ġust tat-taxxa jitħallas fil-post it-tajjeb u li jiġi evitat l-evitar aggressiv tat-taxxa. Rigward id-drittijiet tal-bniedem, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, id-dikjarazzjoni mhux finanzjarja għandha tinkludi informazzjoni, minimament, dwar il-prevenzjoni tal-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-instrumenti disponibbli biex jiġu miġġielda l-korruzzjoni u t-tixħim.

Or. en

Emenda 66
Sharon Bowles, Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva
Premessa 6d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6d) Kwistjonijiet soċjali jinkludu mġiba responsabbli rigward l-ippjanar tat-taxxa biex ikun żgurat li sehem ġust tat-taxxa jitħallas fil-post it-tajjeb u li jiġi evitat l-evitar aggressiv tat-taxxa.

Or. en

Emenda 67
Sergio Gaetano Cofferati, Arlene McCarthy

Proposta għal direttiva
Premessa 6e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6e) L-impatt tal-attivitajiet tal-impriżi fuq is-soċjetà għandu jinkludi l-impatti li jinħolqu mill-attivitajiet tal-impriża kif ukoll dawk li jinħolqu mill-attivitajiet ta' impriżi oħrajn marbuta mal-kumpanija li tkun qed tirrapporta permezz ta' relazzjonijiet kummerċjali, bħalma huma inizjattivi ta' impriża konġunta u l-ktajjen tal-provvista u ta' subkuntrattar.

Or. en

Emenda 68

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

**Proposta għal direttiva
Premessa 6f (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6f) L-impriżi, b'mod partikolari l-SMEs, m'għandhom bl-ebda mod ikunu meħtieġa li jiżvelaw informazzjoni mhux finanzjarja dwar l-impenn soċjali volontarju tagħhom. Minħabba li tali rekwiżit iwassal għal spejjeż amministrattivi sproporzjonalment kbar, iservi biex ikun hemm telf ta' impjiegi, u dan jipperikola l-attività ta' CSR, u mhux jippromoviha.

Or. de

Emenda 69

Olle Ludvigsson

**Proposta għal direttiva
Premessa 6g (ġdida)**

(6g) Matul il-katina tal-provvista kollha ta' impriża – inklużi fornituri, subkuntratturi u sħab kummerċjali oħra – jista' jkun hemm riskji sostanzjali għall-impriża nfisha, il-konsumaturi tagħha u s-soċjetà usa'. Għaldaqstant huwa importanti li l-impriżi jwettqu operazzjonijiet ta' diliġenza dovuta b'reqqa – tal-inqas rigward il-kwistjonijiet ambjentali, soċjali u relatati mal-ħaddiema, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tixħim – b'mod li jkopru l-katina kollha tal-provvista u li huma jiżvelaw l-oġġettivi u r-riżultati ta' dawk l-operazzjonijiet. Rigward il-gruppi, għandhom ikunu koperti l-ktajjen kollha tal-provvista.

Or. en

Emenda 70
Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva
Premessa 6h (ġdida)

(6h) L-impriżi għandhom jipprovdu informazzjoni adegwata u relevanti fir-rigward ta' kwistjonijiet li juru ċar li huma l-aktar li jistgħu jwasslu għall-materjalizzazzjoni tar-riskji ta' impatti severi, flimkien ma' dawk li diġà mmaterjalizzaw. Is-severità ta' tali impatti għandha titkejjel skont l-iskala u l-gravità tagħhom. Ir-riskji ta' impatt negattivi jistgħu jirriżultaw mill-attività tal-impriża nnifisha jew inkella jkunu marbuta mal-operazzjonijiet, il-prodotti, il-fornituri, is-subkuntratturi u sħab kummerċjali oħra tagħha.

Emenda 71
Sharon Bowles

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Biex jipprovdu din l-informazzjoni, ***il-kumpaniji*** jistgħu jiddependu fuq oqfsa nazzjonali, oqfsa bbażati fl-UE bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS), u oqfsa internazzjonali bħall-Impatt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-Prinċipji Gwida dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplementaw il-Qafas tan-NU "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja," ***l-Organizzazzjoni*** għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), ***il-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali, l-Organizzazzjoni*** Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) ***26000***, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali, u l-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar.

Emenda

(7) Biex jipprovdu din l-informazzjoni, ***l-impriżi*** jistgħu jiddependu fuq oqfsa nazzjonali, oqfsa bbażati fl-UE bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS), u oqfsa internazzjonali bħall-Impatt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-Prinċipji Gwida dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplementaw il-Qafas tan-NU "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja," ***il-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni*** għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), ***l-istandard 26000 tal-Organizzazzjoni*** Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali, u l-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar. ***Fil-każ ta' informazzjoni pprovduta relatata ma' kwistjonijiet soċjali u tal-impjegati u d-drittijiet tal-bniedem, il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida għall-Intrapriżi Multinazzjonali tal-OECD għandhom jitqiesu bħala s-sett bażiku ta' linji gwida. Bl-istess mod, fil-każ ta' kwistjonijiet ambjentali, ta' korruzzjoni u ta' tixħim, l-inizjattiva 'Global Compact' tan-Nazzjonijiet Uniti għandha titqies bħala s-sett bażiku ta' linji gwida.***

Emenda 72

Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Biex jipprovdu din l-informazzjoni, il-kumpaniji ***jistgħu jiddependu fuq oqfsa*** nazzjonali, ***oqfsa bbażati*** fl-UE ***bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS), u oqfsa*** internazzjonali ***bħall-Impatt Globali*** tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-NU “Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja,” ***l-Organizzazzjoni*** għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), ***il-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali, l-Organizzazzjoni*** Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) ***26000***, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali, ***u*** l-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar.

Emenda

(7) Biex jipprovdu din l-informazzjoni, il-kumpaniji ***għandhom jibbażaw, bħala regola ġenerali, fuq oqfsa normattivi*** nazzjonali, ***ibbażati*** fl-UE ***jew dawk*** internazzjonali ***bħall-inizjattiva 'Global Compact'*** tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-NU “Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja” ***u l-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni*** għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD). ***Dan jista' jkun ukoll kumplimentat b'oqfsa ta' rappurtar oħra bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS), l-istandard 26000 tal-Organizzazzjoni*** Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali, l-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar, ***il-'Carbon Disclosure Project' (CDP) (Proġett tad-Divulgazzjoni dwar il-Karbonju) u l-'Climate Disclosure Standards Board' (CDSB) (Bord tal-Istandards tad-Divulgazzjoni dwar il-Klima) jew oqfsa oħra rikonoxxuti ta' rappurtar nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali. Fid-dikjarazzjoni tagħhom, l-impriżi għandhom jispeċifikaw il-qafas jew oqfsa li bbażaw fuqhom.***

Or. en

Emenda 73

Sergio Gaetano Cofferati, Evelyn Regner

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Biex jipprovdu *din* l-informazzjoni, *il-kumpaniji jistgħu jiddependu fuq oqfsa nazzjonali, oqfsa bbażati fl-UE bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS), u oqfsa internazzjonali bħall-Impatt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-NU "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja," l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), il-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) 26000, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali, u l-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar.*

Emenda

(7) Biex jipprovdu l-informazzjoni *mhux finanzjarja l-impriżi għandhom jibbażaw fuq il-linji gwida adottati permezz ta' atti ddelegati mill-Kummissjoni Ewropea. Qabel ma dawn il-linji gwida jkunu disponibbli, l-impriżi għandhom jibbażaw ruħhom minimament fuq* il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-NU "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" *u l-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD). Barra minn hekk l-impriżi jistgħu jibbażaw ruħhom ukoll fuq oqfsa nazzjonali, oqfsa ibbażati fl-UE jew oqfsa internazzjonali u, jekk dan ikun il-każ, għandhom jispeċifikaw fuq liema oqfsa mxew.*

Or. en

Emenda 74

Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Biex jipprovdu *din* l-informazzjoni, il-kumpaniji jistgħu jiddependu fuq oqfsa *nazzjonali, oqfsa* bbażati fl-UE bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS), u oqfsa internazzjonali *bħall-Impatt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju*

Emenda

(7) Biex jipprovdu l-informazzjoni *dwar il-konformità tagħhom mad-drittijiet u l-valuri protetti bin-normi tad-dritt internazzjonali, il-kumpaniji għandhom japplikaw il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-NU "Ipproteġi,*

u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-NU “Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja,” l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), il-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) 26000, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali, u l-Inizjattiva Globali ta’ Rappurtar.

Irrispetta u Rrimedja” u l-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), il-kumpaniji jistgħu jiddependu wkoll fuq oqfsa bbażati fl-UE bħall-Iskema ta’ Ġestjoni u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS), u oqfsa internazzjonali oħra bħall-‘Global Compact’ tan-NU, l-istandard 26000 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali, u l-Inizjattiva Globali ta’ Rappurtar.

Or. en

**Emenda 75
Richard Howitt**

**Proposta għal direttiva
Premessa 7**

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Biex jipprovdu din l-informazzjoni, ***il-kumpaniji jistgħu jiddependu fuq oqfsa nazzjonali, oqfsa bbażati fl-UE bħall-Iskema ta’ Ġestjoni u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS), u oqfsa internazzjonali bħall-Impatt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-NU “Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja,” l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), il-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) 26000, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali, u l-Inizjattiva Globali ta’***

Emenda

(7) Biex jipprovdu din l-informazzjoni, ***l-impriżi għandhom jibbażaw, bħala regola ġenerali, fuq l-inizjattiva Global Compact tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-NU “Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja”, il-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) u d-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali. L-impriżi jistgħu jibbażaw ukoll fuq oqfsa nazzjonali, oqfsa bbażati fl-Unjoni bħall-Iskema ta’ Ġestjoni u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS), u oqfsa internazzjonali bħall-istandard***

Rappurtar.

26000 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), l-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar, il-'Carbon Disclosure Project' (CDP) (Proġett tad-Divulgazzjoni dwar il-Karbonju) u l-'Climate Disclosure Standards Board' (CDSB) (Bord tal-Istandards tad-Divulgazzjoni dwar il-Klima).

Or. en

**Emenda 76
Eva Lichtenberger**

**Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Safejn hu meħtieġ biex jiġu mifhuma l-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem, soċjali u ambjentali tal-kumpaniji, ir-rapporti annwali għandhom jinkludu indikaturi dwar il-prestazzjoni ewlenija mhux finanzjarja rilevanti għas-settur partikolari tan-negozju. Għall-aspetti ambjentali, l-indikaturi mhux finanzjarji għandhom jinkludu, pereżempju, valutazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u l-użu tal-materjali, l-ilma u l-art. Din il-valutazzjoni għandha tinkludi stima tal-użu ta' dawn ir-riżorsi fil-katina tal-provvista ta' kumpanija.

Or. en

**Emenda 77
Richard Howitt**

**Proposta għal direttiva
Premessa 7b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7b) Din id-direttiva għandha tkun trasposta bl-objettiv ta' rappurtar integrat.

Or. en

Emenda 78

Richard Howitt, Sergio Gaetano Cofferati

**Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Il-kumpaniji għandhom jipprovdu informazzjoni dettaljata fir-rigward ta' kwistjonijiet li juru ċar li huma l-aktar esposti għar-riskji ta' impatti negattivi li jistgħu jimmaterjalizzaw kif ukoll dawk li diġà mmaterjalizzaw. Is-severità tal-impatti għandha titkejjel skont l-iskala u l-gravità tagħhom, l-għadd ta' individwi milquta fil-preżent jew fil-futur u kwalunkwe sinjal irrimedjabbli, fis-sens ta' kwalunkwe limitu li jżomm milli dawk li intlaqtu mis-sitwazzjoni jkollhom rimedju li jkun tal-inqas ugwali, jew ekwivalenti, għas-sitwazzjoni ta' qabel l-impatt negattiv.

Or. en

Emenda 79

Martin Kastler, Manfred Weber

**Proposta għal direttiva
Premessa 9**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) L-aċċess tal-investituri għall-informazzjoni mhux finanzjarja huwa

imħassar

pass fid-direzzjoni tad-dħul fis-seħħ sal-2020 ta' inc̄entivi tas-suq u tal-politika li jippremjaw l-investimenti tan-negozji fl-effiċjenza, skont il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Effiċjenti fir-Rizorsi¹⁴.

¹⁴ COM(2011) 571 finali tal-20 ta' Settembru 2011.

Or. de

Emenda 80
Edward McMillan-Scott

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) L-aċċess tal-investituri għall-informazzjoni mhux finanzjarja huwa pass fid-direzzjoni tad-dħul fis-seħħ sal-2020 ta' inc̄entivi tas-suq u tal-politika li jippremjaw l-investimenti tan-negozji fl-effiċjenza, skont il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Effiċjenti fir-Rizorsi¹⁴.

¹⁴ COM(2011) 571 finali tal-20 ta' Settembru 2011.

Emenda

(9) L-aċċess tal-investituri għall-informazzjoni mhux finanzjarja huwa pass fid-direzzjoni tad-dħul fis-seħħ sal-2020 ta' inc̄entivi tas-suq u tal-politika li jippremjaw l-investimenti tan-negozji fl-effiċjenza, skont il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Effiċjenti fir-Rizorsi¹⁴. ***Ir-rappurtar mhux finanzjarju jista' wkoll jgħin lin-NU tikseb stadji importanti addizzjonali fl-ambitu ta' dan il-pjan direzzjonali, b'mod partikolari dak li l-iskart tal-ikel tonqos bin-nofs sal-2020.***

¹⁴ COM(2011) 571 finali tal-20 ta' Settembru 2011.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Madwar 90 miljun tunnellata ikel jinħlew kull sena fl-Ewropa. Meta nqisu li din il-ħela sseħħ fil-katina kollha tal-provvista tal-ikel u li hemm lakuni importanti fl-informazzjoni minħabba l-għadd limitat ħafna ta' kumpaniji tal-UE li jippubblikaw dejta dwar il-ħela tal-ikel attwalment, ir-rappurtar huwa essenzjali biex tinkiseb il-mira tal-UE 2020 li jitnaqqas b'nofs ir-rimi tal-ikel li jista' jittiekel stabbilita fil-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Effiċjenti fir-

Riżorsi. Biex tkun żgurata t-trasparenza, il-kumpaniji għandhom jirrappurtaw dwar il-ħela tal-ikel bħala eżempju tat-tip ta' impatti ambjentali u soċjali ġġenerati mill-attivitajiet tal-kumpanija.

Emenda 81
Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Importanti li jkun hemm aktar trasparenza rigward l-attivitajiet ta' impriżi u gruppi kbar biex jiġi protett id-dħul u jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkollhom fiduċja fil-ġustizzja u fl-effikaċja tas-sistemi tat-taxxi u li ċ-ċittadini tal-Unjoni jafdaw l-impriżi u gruppi kbar. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Mejju 2013, Il-Kunsill Ewropew talab li jkun hemm progress rapidu fil-qasam tal-evażjoni tat-taxxi u l-frodi tat-taxxi u ddeċieda, inter alia, li l-proposta li temenda d-Direttivi dwar tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn impriżi u gruppi kbar se tiġi studjata bl-għan li, b'mod partikolari, tiżgura rappurtar għal kull pajjiż minn impriżi u gruppi kbar. Għalhekk, biex tiżdied it-trasparenza tal-pagamenti magħmula lill-gvernijiet, l-impriżi kbar u l-entitajiet ta' interess pubbliku għandhom jiddivulgaw pagamenti materjali magħmula lill-gvernijiet fil-pajjiżi fejn joperaw. Tali divulgazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati, meta jkun possibbli, bħala anness għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jew għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tal-impriżi kkonċernati.

Or. en

Emenda 82
Sajjad Karim

Proposta għal direttiva
Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) Apparti r-rappurtur mhux finanzjarju mhegġegħ f'livell Ewropew, ġew innotati sforzi internazzjonali biex titjeb it-trasparenza fir-rappurtar finanzjarju. Il-leġiżlazzjoni tar-rappurtar għal kull pajjiż fis-settur estrattiv teżisti fl-UE u fl-Istati Uniti, filwaqt li fil-kuntest tal-G8 u l-G20, li jinkludu erba' Stati Membri u jinvolvu l-Kummissjoni Ewropea, l-OECD ġiet mitluba tfassal mudell ta' rappurtar standardizzat għal impriżi multinazzjonali biex jirrappurtaw lill-awtoritajiet tat-taxxi fejn jagħmlu l-profitti tagħhom u fejn iħallsu t-taxxi madwar id-dinja. Dan it-tip ta' żviluppi li jtejbu t-trasparenza fir-rappurtar finanzjarju jikkumplimenta l-proposti inklużi f'din id-Direttiva, bħala miżuri xierqa għall-finijiet rispettivi tagħhom, indipendentement minn jekk humiex nazzjonali, pan-Ewropej jew internazzjonali fl-iskala u r-riskju possibbli.

Or. en

Emenda 83
Richard Howitt, Sergio Gaetano Cofferati

Proposta għal direttiva
Premessa 9c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9c) Ir-riskji ta' impatti negattivi jistgħu jiġu minn inizjattivi proprji ta' kumpaniji jew jistgħu jkunu marbuta mal-operazzjonijiet, il-prodotti jew is-servizzi

tal-kumpaniji permezz ta' rabtiet kummerċjali, inkluż mal-klijenti tal-fornituri tagħhom, is-subkuntratturi jew sħab kummerċjali oħra. Hu għalhekk meħtieġ li dan ikun rifless fl-informazzjoni provduta mill-kumpaniji dwar il-politiki, ir-riskji u r-riżultati tagħhom.

Or. en

Emenda 84
Martin Kastler, Manfred Weber

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011 talab li jitnaqqas il-piż regolatorju kumplessiv, partikolarment għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), fuq livell Ewropew u nazzjonali u ssuġġerixxa miżuri biex tizzied il-produttività filwaqt li l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għandha l-għan li ttejjeb l-ambjent tan-negozju għall-SMEs u li tippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom. Għalhekk, skont il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni skont id-Direttiva 78/660/KEE u d-Direttiva 83/349/KEE għandhom japplikaw biss għal ċerti intrapriżi kbar ***u gruppi***.

Emenda

(10) Il-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011 talab li jitnaqqas il-piż regolatorju kumplessiv, partikolarment għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), fuq livell Ewropew u nazzjonali u ssuġġerixxa miżuri biex tizzied il-produttività filwaqt li l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għandha l-għan li ttejjeb l-ambjent tan-negozju għall-SMEs u li tippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom. Għalhekk, skont il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni skont id-Direttiva 78/660/KEE u d-Direttiva 83/349/KEE għandhom japplikaw biss għal ċerti intrapriżi kbar ***elenkati. SMEs b'inqas minn 500 impjegat huma eżentati b'mod permanenti.***

Or. de

Emenda 85
Inese Vaidere

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011 talab li jitnaqqas il-piż regolatorju kumplessiv, partikolarment għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), fuq livell Ewropew u nazzjonali u ssuġġerixxa miżuri biex tizzied il-produttività filwaqt li l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għandha l-għan li ttejjeb l-ambjent tan-negozju għall-SMEs u li tippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom. Għalhekk, skont il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni skont id-Direttiva 78/660/KEE u d-Direttiva 83/349/KEE għandhom japplikaw biss għal ċerti intrapriżi kbar u gruppi.

Emenda

(10) Il-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011 talab li jitnaqqas il-piż regolatorju kumplessiv, partikolarment għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), fuq livell Ewropew u nazzjonali, ***laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippromwovi modi ta' kif il-mikroimpriżi jkunu eżentati minn ċerti regolamenti***, u ssuġġerixxa miżuri biex tizzied il-produttività filwaqt li l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għandha l-għan li ttejjeb l-ambjent tan-negozju għall-SMEs u li tippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom. Għalhekk, skont il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni skont id-Direttiva 78/660/KEE u d-Direttiva 83/349/KEE għandhom japplikaw biss għal ċerti intrapriżi kbar u gruppi.

Or. en

Emenda 86
Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011 talab li jitnaqqas il-piż regolatorju kumplessiv, partikolarment għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), fuq livell Ewropew u nazzjonali u ssuġġerixxa miżuri biex tizzied il-produttività filwaqt li l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għandha l-għan li ttejjeb l-ambjent tan-negozju għall-SMEs u

Emenda

(10) Il-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011 talab li jitnaqqas il-piż regolatorju kumplessiv, partikolarment għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), fuq livell Ewropew u nazzjonali u ssuġġerixxa miżuri biex tizzied il-produttività filwaqt li l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għandha l-għan li ttejjeb l-ambjent tan-negozju għall-SMEs u

li tippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom. Għalhekk, skont il-prinċipju “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir”, ir-rekwiżiti ta’ divulgazzjoni skont id-Direttiva 78/660/KEE **u d-Direttiva 83/349/KEE** għandhom japplikaw biss għal ċerti intrapriżi kbar u gruppi.

li tippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom. Għalhekk, skont il-prinċipju “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir”, ir-rekwiżiti ta’ divulgazzjoni skont id-Direttiva 78/660/KEE, **id-Direttiva 83/349/KEE u d-Direttiva 2013/34/UE** għandhom japplikaw biss għal ċerti intrapriżi kbar u gruppi.

Or. de

Emenda 87
Angelika Niebler

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta’ Marzu 2011 talab li jitnaqqas il-piż regolatorju kumplessiv, partikolarment għall-intrapriżi ż-żgħar u ta’ daqs medju (“SMEs”), fuq livell Ewropew u nazzjonali u ssuġġerixxa miżuri biex tizzied il-produttività filwaqt li l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għandha l-għan li ttejjeb l-ambjent tan-negozju għall-SMEs u li tippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom. Għalhekk, skont il-prinċipju “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir”, ir-rekwiżiti ta’ divulgazzjoni skont id-Direttiva 78/660/KEE **u d-Direttiva 83/349/KEE** għandhom japplikaw biss għal ċerti intrapriżi **kbar** u gruppi.

Emenda

(10) Il-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta’ Marzu 2011 talab li jitnaqqas il-piż regolatorju kumplessiv, partikolarment għall-intrapriżi ż-żgħar u ta’ daqs medju (“SMEs”), fuq livell Ewropew u nazzjonali u ssuġġerixxa miżuri biex tizzied il-produttività filwaqt li l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għandha l-għan li ttejjeb l-ambjent tan-negozju għall-SMEs u li tippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom. Għalhekk, skont il-prinċipju “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir”, ir-rekwiżiti ta’ divulgazzjoni skont id-Direttiva 78/660/KEE, **id-Direttiva 83/349/KEE u d-Direttiva 2013/34/UE** għandhom japplikaw biss għal ċerti intrapriżi **elenkati b'assi totali ta' aktar minn EUR 20 miljun jew fatturat nett ta' aktar minn EUR 40 miljun** u gruppi; **SMEs b'inqas minn 500 impjegat huma eżentati b'mod permanenti.**

Or. de

Emenda 88
Evelyn Regner

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż **il-500**, u li jaqbżu jew total ta' EUR **20** miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR **40** miljun.

Emenda

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż **il-250**, u li jaqbżu jew total ta' EUR **17.5** miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR **35** miljun.

Or. de

Emenda 89
Sharon Bowles

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza **għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat**. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk **il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż il-500, u li** jaqbżu jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR 40 miljun.

Emenda

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza **għall-fatturat tal-kumpanija**. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk **l-impriżi** li jaqbżu jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR 40 miljun.

Or. en

Emenda 90
Olle Ludvigsson

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, ***tal-assi totali*** u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport ***annwali*** għandu japplika biss għal ***dawk il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż il-500, u li jaqbżu jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR 40 miljun.***

Emenda

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, ***tat-total tal-karta tal-bilanċ*** u tal-fatturat ***nett***. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport ***tal-ġestjoni*** għandu japplika biss għal ***impriżi kbar u impriżi prinċipali ta' gruppi kbar, skont il-kategorizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/34/UE.***

Or. en

Emenda 91
Martin Kastler, Manfred Weber

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport ***annwali*** għandu japplika biss għal ***dawk il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż il-500, u li jaqbżu jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta'***

Emenda

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport ***annwali*** għandu japplika biss għal ***dawk il-kumpaniji elenkati*** li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż il-500.

EUR 40 miljun.

Or. de

Emenda 92
Inese Vaidere

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż il-500, u li jaqbżu jew total ta' EUR **20** miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR **40** miljun.

Emenda

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. **Il-mikroimpriżi u** l-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż il-500, u li jaqbżu jew total ta' EUR **40** miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR **80** miljun.

Or. en

Emenda 93
Sajjad Karim

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss

Emenda

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss

għal dawk il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż il-500, **u li jaqbżu jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR 40 miljun.**

għal dawk il-kumpaniji li ***huma entitajiet ta' interess pubbliku*** li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż il-500.

Or. en

Emenda 94

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż ***il-500***, u li jaqbżu jew total ta' EUR **20** miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR **40** miljun.

Emenda

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk il-kumpaniji ***kbar*** li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż ***l-1000***, u li jaqbżu jew total ta' EUR **40** miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR **80** miljun.

Or. de

Emenda 95

Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-

Emenda

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-

fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż *il-500*, u li jaqbżu jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR 40 miljun.

fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż *il-250*, u li jaqbżu jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR 40 miljun.

Or. en

Emenda 96

Sergio Gaetano Cofferati, Arlene McCarthy

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal *dawk il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż il-500, u li jaqbżu jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR 40 miljun.*

Emenda

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal *impriżi kbar u entitajiet ta' interess pubbliku.*

Or. en

Emenda 97

Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk **il-kumpaniji** li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż il-500, u li jaqbeż jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR 40 miljun.

Emenda

(11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk **l-impriżi elenkati** li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż il-500, u li jaqbeż jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew fatturat nett ta' EUR 40 miljun.

Or. de

Emenda 98

Sharon Bowles, Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva

Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(11a) Il-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 talab l-introduzzjoni mandatorja tar-rappurtar għal kull pajjiż għall-kumpaniji u l-gruppi kbar kollha bħala parti mir-reviżjoni ta' din id-Direttiva. Għalhekk, biex tiżdied it-trasparenza tal-pagamenti magħmula lill-gvernijiet, l-impriżi kbar u l-entitajiet ta' interess pubbliku għandhom jddivulgaw pagamenti materjali magħmula lill-gvernijiet fil-pajjiżi fejn joperaw. Tali divulgazzjonijiet għandhom ikunu awditjati.

Or. en

Emenda 99
Sharon Bowles, Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11b) Biex jimmitigaw l-ippjanar u l-evitar tat-taxxa aggressivi min-naħa mill-impriżi tal-UE, l-Istati Membri għandhom jintroduċu regoli ġenerali kontra l-evitar tat-taxxa (GAAR) skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa tat-12 ta' Diċembru 2012 u r-Rapport ta' Progress tal-OECD lill-G20 tal-5 ta' Settembru 2013. Barra minn hekk, l-impriżi kbar fl-Unjoni għandhom ukoll jagħmlu disponibbli għall-pubbliku rapport dwar is-sistemi tagħhom ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, inkluża informazzjoni rilevanti oħra.

Or. en

Emenda 100
Martin Kastler, Manfred Weber

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) Kif rikjest mill-Artikolu 51a(e) tad-Direttiva 78/660/KEE, ir-rapport tal-awdituri statutorji għandu jkun fih ukoll opinjoni li tikkonċerna l-konsistenza jew xort'oħra tar-rapport annwali, inkluża informazzjoni mhux finanzjarja li tinsab fir-rapport annwali, mal-kontijiet annwali għall-istess sena finanzjarja.

imħassar

Or. de

Emenda 101

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Id-diversità tal-kompetenzi u l-fehmiet tal-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji ta' kumpaniji tiffaċilita fehim tajjeb tal-organizzazzjoni u l-kwistjonijiet tan-negozju. Tippermetti lil membri ta' dawn il-korpi biex jeżerċitaw sfida kostruttiva tad-deċiżjonijiet tal-maniġment u biex ikunu aktar miftuħa għal ideat innovattivi, li jindirizzaw is-similarità tal-fehmiet tal-membri, il-fenomenu "raġunar gregarju". Tikkontribwixxi għalhekk għas-sorveljanza effettiva tal-immaniġġjar u l-governanza b'suċċess tal-kumpanija. Għalhekk, ikun importanti li tittejjeb it-trasparenza rigward il-politika tad-diversità li l-kumpaniji għandhom fis-seħħ. Din għandha tinforma lis-suq dwar prattiki ta' governanza korporattiva u għalhekk tpoġġi pressjoni indiretta fuq il-kumpaniji biex ikollhom bordijiet aktar diversifikati.

imħassar

Or. de

Emenda 102

Olle Ludvigsson

Proposta għal direttiva

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Id-diversità tal-kompetenzi u l-fehmiet tal-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji **ta' kumpaniji** tiffaċilita fehim tajjeb tal-organizzazzjoni u l-kwistjonijiet tan-negozju. Tippermetti lil

(15) Id-diversità tal-kompetenzi u l-fehmiet tal-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji **tal-impriżi** tiffaċilita fehim tajjeb tal-organizzazzjoni u l-kwistjonijiet tan-negozju. Tippermetti lil

membri ta' dawn il-korpi biex ježeċitaw sfida kostruttiva tad-deċiżjonijiet tal-maniġment u biex ikunu aktar miftuħa għal ideat innovattivi, li jindirizzaw is-similarità tal-fehmiet tal-membri, il-fenomeni "raġunar gregarju". Tikkontribwixxi għalhekk għas-sorveljanza effettiva tal-immaniġġjar u l-governanza b'suċċess tal-kumpanija. Għalhekk, ikun importanti li tittejjeb it-trasparenza rigward il-politika tad-diversità li l-kumpaniji għandhom fis-seħħ. Din għandha tinforma lis-suq dwar prattiki ta' governanza korporattiva u għalhekk tpoġġi pressjoni indiretta fuq il-kumpaniji biex ikollhom bordijiet aktar diversifikati.

membri ta' dawn il-korpi biex ježeċitaw sfida kostruttiva tad-deċiżjonijiet tal-maniġment u biex ikunu aktar miftuħa għal ideat innovattivi, li jindirizzaw is-similarità tal-fehmiet tal-membri, il-fenomeni "raġunar gregarju". Tikkontribwixxi għalhekk għas-sorveljanza effettiva tal-immaniġġjar u l-governanza b'suċċess tal-kumpanija. Għalhekk, ikun importanti li tittejjeb it-trasparenza rigward il-politika tad-diversità li l-kumpaniji għandhom fis-seħħ. Din għandha tinforma lis-suq dwar prattiki ta' governanza korporattiva u għalhekk tpoġġi pressjoni indiretta fuq il-kumpaniji biex ikollhom bordijiet aktar diversifikati. *F'dan il-kuntest, ir-rappreżentanza tal-impjegati fil-korpi ta' ġestjoni tista', billi żżid perspettiva fundamentali u għarfien ġenwin ta' kif jaħdmu l-impriżi internament, titqies bħala mezz pożittiv għat-titjib tad-diversità.*

Or. en

Emenda 103
Sharon Bowles

Proposta għal direttiva
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Il-katina tal-provvista ta' impriża tista' ma tibqax konnessa mas-sors u r-responsabbiltà u għalhekk tista' toħloq riskji sinifikanti mhux biss għall-impriżi stess iżda anke għas-soċjetà inġenerali b'riżultat tal-operazzjonijiet kummerċjali tagħhom. Huwa għalhekk importanti li l-impriżi jwettqu diliġenza dovuta fuq il-ktajjen tal-provvista tagħhom, anke meta jużaw subkuntratturi u li dawn il-politiki partikolari jiġu divulgati sabiex tali riskji jiġu mitigati u l-partijiet interessati jiġu infurmati dwar il-valutazzjonijiet li

wettqu.

Or. en

Emenda 104

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16) L-obbligu ta' divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità għal korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħhom fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età, is-sess, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali għandhom japplikaw biss għal kumpaniji elenkati kbar. Għalhekk kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li jistgħu jiġu eżentati minn ċerti obbligi tal-kontabbiltà skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE ma għandhomx ikunu koperti minn dan l-obbligu. Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat fl-Artikolu 46a tad-Direttiva 78/660/KEE. Kumpaniji li ma għandhomx tali politika dwar id-diversità, ma għandhomx ikunu obbligati li jdaħħlu waħda fis-seħħ, iżda għandhom jispjegaw b'mod ċar għalfejn dan hu l-każ.

imħassar

Or. de

Emenda 105

Martin Kastler, Manfred Weber

Proposta għal direttiva

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) L-obbligu ta' divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità għal korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħhom fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età, **is-sess, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali** għandhom japplikaw biss għal kumpaniji elenkati kbar. Għalhekk kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li jistgħu jiġu eżentati minn ċerti obbligi tal-kontabbiltà skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE ma għandhomx ikunu koperti minn dan l-obbligu. Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat fl-Artikolu 46a tad-Direttiva 78/660/KEE. Kumpaniji li ma għandhomx tali politika dwar id-diversità, ma għandhomx ikunu obbligati li jdaħħlu waħda fis-seħħ, iżda għandhom jispjegaw b'mod ċar għalfejn dan hu l-każ.

Emenda

(16) L-obbligu ta' divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità għal korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħhom fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età **u l-ġeneru** għandhom japplikaw biss għal kumpaniji elenkati kbar. Għalhekk kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li jistgħu jiġu eżentati minn ċerti obbligi tal-kontabbiltà skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE ma għandhomx ikunu koperti minn dan l-obbligu. Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat fl-Artikolu 46a tad-Direttiva 78/660/KEE. Kumpaniji li ma għandhomx tali politika dwar id-diversità, ma għandhomx ikunu obbligati li jdaħħlu waħda fis-seħħ, iżda għandhom jispjegaw b'mod ċar għalfejn dan hu l-każ.

Or. de

Emenda 106
Olle Ludvigsson

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) L-obbligu ta' divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità għal korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħhom fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età, **is-sess, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali** għandhom japplikaw biss għal **kumpaniji elenkati** kbar. **Għalhekk kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li jistgħu jiġu eżentati minn ċerti obbligi tal-kontabbiltà skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE ma**

Emenda

(16) L-obbligu ta' divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità għal korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħhom fir-rigward **tal-ġeneru u** ta' aspetti **oħra** bħalma huma l-età, **il-provenjenza** ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali **u r-rappreżentanza tal-impjegati** għandhom japplikaw biss għal **impriżi** kbar. Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva,

għandhomx ikunu koperti minn dan l-obbligu. Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat ***fl-Artikolu 46a tad-Direttiva 78/660/KEE. Kumpaniji li ma għandhomx tali politika dwar id-diversità, ma għandhomx ikunu obbligati li jdaħħlu waħda fis-seħħ, iżda għandhom jispjegaw b'mod ċar għalfejn dan hu l-każ.***

kif stipulat ***fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2013/34/UE.***

Or. en

Emenda 107
Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) L-obbligu ta' divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità għal korpi amministrattivi, maniġerjali u supervizzorji tagħhom fir-rigward ***ta' aspetti bħalma huma l-età, is-sess, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali għandhom japplikaw biss għal kumpaniji elenkati kbar. Għalhekk kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li jistgħu jiġu eżentati minn ċerti obbligi tal-kontabbiltà skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE ma għandhomx ikunu koperti minn dan l-obbligu.*** Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat ***fl-Artikolu 46a tad-Direttiva 78/660/KEE. Kumpaniji li ma għandhomx tali politika dwar id-diversità, ma għandhomx ikunu obbligati li jdaħħlu waħda fis-seħħ, iżda għandhom jispjegaw b'mod ċar għalfejn dan hu l-każ.***

Emenda

(16) L-obbligu ta' divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità għal korpi amministrattivi, maniġerjali u supervizzorji tagħhom fir-rigward ***tal-ġeneru u aspetti oħra bħalma huma l-età, id-diżabilità, l-oriġini etnika jew nazzjonali, l-isfond edukattiv u professjonali għandhom japplikaw biss għal impriżi elenkati kbar.*** Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat ***fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2013/34/UE. Impriżi li ma għandhomx tali politika dwar id-diversità, ma għandhomx ikunu obbligati li jdaħħlu waħda fis-seħħ, iżda għandhom jispjegaw b'mod ċar għalfejn dan hu l-każ.***

Or. en

Emenda 108

Sergio Gaetano Cofferati, Arlene McCarthy

Proposta għal direttiva

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) L-obbligu ta' divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità għal korpi amministrattivi, maniġerjali u supervizzorji tagħhom fir-rigward **ta'** aspetti bħalma huma l-età, **is-sess**, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali għandhom japplikaw biss għal kumpaniji elenkati kbar. ***Għalhekk kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li jistgħu jiġu eżentati minn ċerti obbligi tal-kontabbiltà skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE ma għandhomx ikunu koperti minn dan l-obbligu.*** Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat ***fl-Artikolu 46a tad-Direttiva 78/660/KEE. Kumpaniji li ma għandhomx tali politika dwar id-diversità, ma għandhomx ikunu obbligati li jdaħħlu waħda fis-seħħ, iżda għandhom jispjegaw b'mod ċar għalfejn dan hu l-każ.***

Emenda

(16) L-obbligu ta' divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità għal korpi amministrattivi, maniġerjali u supervizzorji tagħhom fir-rigward ***tal-ġeneru u*** aspetti ***oħra*** bħalma huma l-età, ***id-diżabbiltà***, id-diversità ġeografika, ***id-diżabbiltà***, l-isfond edukattiv u professjonali għandhom japplikaw biss għal kumpaniji elenkati kbar. Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat ***fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2013/34/UE.***

Or. en

Emenda 109

Olle Ludvigsson

Proposta għal direttiva

Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) Biex tiġieb aktar it-trasparenza, u għal konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013, ir-reviżjoni tad-Direttiva 2013/34/UE għandha tinkludi wkoll estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' obbligi ta'

rappurtar għal kull pajjiż biex dawn japplikaw għall-impriżi u gruppi kbar kollha u għall-entitajiet ta' interess pubbliku kollha.

Or. en

Emenda 110

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen

Proposta għal direttiva

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li żżid ir-rilevanza, il-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni divulgata minn kumpaniji fl-Unjoni, *ma jistax* jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, *u jista' għaldaqstant minħabba l-impatt tiegħu jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.*

Emenda

(17) L-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li żżid ir-rilevanza, il-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni divulgata minn kumpaniji *kbar ħafna* fl-Unjoni *jista'* jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri.

Or. de

Emenda 111

Evelyn Regner

Proposta għal direttiva

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta

Emenda

(18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta

tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, **inkluż** il-libertà li wieħed ikollu negozju, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata f'konformità ma' dawn id-drittijiet u prinċipji.

tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, **inkluża l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel**, il-libertà li wieħed ikollu negozju, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata f'konformità ma' dawn id-drittijiet u prinċipji.

Or. de

Emenda 112

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż il-libertà li wieħed ikollu negozju, ir-rispett għall-ħajja privata **u l-protezzjoni** tad-dejta personali. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata f'konformità ma' dawn id-drittijiet u prinċipji.

Emenda

(18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż il-libertà li wieħed ikollu negozju, **il-prinċipju li r-responsabilità soċjali korporattiva hija volontarja**, ir-rispett għall-ħajja privata, **il-protezzjoni** tad-dejta personali **u l-prinċipju elementari li f'soċjetà libera l-azzjoni karitattiva ma tista qatt tkun obbligatorja**. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata **strettament** f'konformità ma' dawn id-drittijiet u prinċipji.

Or. de

Emenda 113

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) Jekk fil-katina tal-provvista ta' impriża kbira f'pajjiżi terzi, is-sors tal-provvista jiġi skonnettjat, b'tali mod li r-responsabilità li teżisti tintilef, jistgħu jinħolqu riskji konsiderevoli mhux biss għall-impriża nnifisha iżda wkoll għas-soċjetà fil-pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-ekonomiji emerġenti, minħabba tali ġestjoni. Għaldaqstant huwa importanti li l-impriżi kbar jagħmlu rieżami bir-reqqa xierqa tal-katina tal-provvista tagħhom f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari f'setturi fejn jintużaw subkuntratturi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u f'ekonomiji emerġenti. Miżuri korrispondenti f'pajjiżi terzi għandhom ikunu żvelati biex jitnaqqsu tali riskji, u l-partijiet konċernati f'pajjiżi terzi għandhom ikunu infurmati dwar il-valutazzjoni mwettqa.

Or. de

Emenda 114
Sharon Bowles

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) Id-Direttivi 78/660/KEE u 83/349/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati kif meħtieġ,

(19) Id-Direttiva 2013/34/UE għalhekk għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

Or. en

Emenda 115
Sharon Bowles

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi għad-Direttiva **78/660/KEE**

Emenda

Emendi għad-Direttiva **2013/34/UE**

Or. en

**Emenda 116
Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Id-Direttiva **78/660/KEE** għandha tiġi emendata kif ġej:

Emenda

Id-Direttiva **2013/34/UE** għandha tiġi emendata kif ġej:

Or. en

**Emenda 117
Rebecca Taylor, Cecilia Wikström**

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1**

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-Artikolu 46 huwa emendat kif ġej:

Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. (a) Ir-rapport annwali għandu jinkludi analiżi ġusta tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-kumpanija u tal-pożizzjoni tagħha, kif ukoll deskrizzjoni tar-riskji prinċipali u l-inċertezzi li taffaċċja.

L-analiżi għandha tkun analiżi bbilanċjata u komprensiva tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-kumpanija u l-pożizzjoni tagħha, bi proporzjon mad-daqs u l-kumplessità tan-negozju;

imħassar

Emenda

(b) Għal kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500 u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

(i) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-kumpanija fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;

(ii) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

(iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji.

Meta kumpanija ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, għandha tipprovdi spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.

Meta tipprovdi informazzjoni bħal din il-kumpanija, tista' sserraħ fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk għandha tispeċifika fuq liema oqfsa mxiet.

(c) Rigward il-limitu meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-kumpanija, l-analiżi għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negozju partikolari.

(d) Meta tipprovdi l-analiżi tagħha, ir-rapport annwali għandu, fejn xieraq, jinkludi referenzi għal spjegazzjonijiet u spjegazzjonijiet addizzjonali tal-ammonti rapportati fil-kontijiet annwali.

(b) Il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'4. Meta kumpanija tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(b), għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(b), sakemm dan ir-rapport ikun parti mir-rapport annwali.'

(c) Jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

'5. Kumpanija li hija kumpanija sussidjarja għandha tiġi eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1(b), jekk il-kumpanija u s-sussidjarji tagħha huma kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji u rapport annwali ta' kumpanija oħra u dak ir-rapport annwali konsolidat jiġfassal skont l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 83/349/KEE.'

Or. en

**Emenda 118
Alexandra Thein**

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) L-Artikolu 46 huwa emendat kif ġej:

imħassar

Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. (a) Ir-rapport annwali għandu jinkludi analiżi ġusta tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-kumpanija u tal-pożizzjoni tagħha, kif ukoll deskrizzjoni tar-riskji prinċipali u l-inċertezzi li taffaċċja.

L-analiżi għandha tkun analiżi bbilanċjata u komprensiva tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-kumpanija u l-pożizzjoni tagħha, bi proporzjon mad-daqs u l-kumplessità tan-negozju;

(b) Għal kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500 u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

(i) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-kumpanija fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;

(ii) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

(iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji.

Meta kumpanija ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, għandha ttipprovd i spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.

Meta ttipprovd i informazzjoni bħal din il-kumpanija, tista' sserraħ fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk għandha tispeċifika fuq liema oqfsa mxiet.

(c) Rigward il-limitu meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-kumpanija, l-analiżi għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negozju partikolari.

(d) Meta ttipprovd i l-analiżi tagħha, ir-rapport annwali għandu, fejn xieraq, jinkludi referenzi għal spjegazzjonijiet u spjegazzjonijiet addizzjonali tal-ammonti rapportati fil-kontijiet annwali.

(b) Il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'4. Meta kumpanija tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(b), għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(b), sakemm dan ir-rapport ikun parti mir-rapport annwali.'

(c) Jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

'5. Kumpanija li hija kumpanija sussidjarja għandha tiġi eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1(b), jekk il-kumpanija u s-sussidjarji tagħha huma kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji u rapport annwali ta' kumpanija oħra u dak ir-rapport annwali konsolidat jiffassal skont l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 83/349/KEE.'

Or. en

Emenda 119

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Article 1 – point 1 – point -a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- 1. L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jeżentaw il-kumpaniji minn aspetti individwali ta' rappurtar.

Or. de

Emenda 120

Evelyn Regner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt 1 – subparagrafu 1 – test introdutturju

Test propost mill-Kummissjoni

Għal kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż **il-500** u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR **20** miljun jew il-fatturat nett ta' EUR **40** miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda

Għal kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati **tagħhom** matul is-sena finanzjarja jaqbeż **il-250** u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR **17.5** miljun jew il-fatturat nett ta' EUR **35** miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali, **tal-ugwaljanza** u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, **filwaqt li titqies il-katina tal-valur korporattiva**, inklużi:

Or. de

Emenda 121
Sharon Bowles

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt 1 – subparagrafu 1 – test introdutturju

Test propost mill-Kummissjoni

Għal **kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500** u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda

Għal **impriżi li**, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda 122

Martin Kastler, Manfred Weber

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt 1 – subparagrafu 1 – test introdutturju

Test propost mill-Kummissjoni

Għal **kumpaniji** li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500 u, **fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun**, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda

Għal **impriżi elenkati** li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500, l-analiżi għandha tinkludi wkoll – **safejn din hija deċiżiva għall-valutazzjoni tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-impriża** – dikjarazzjoni mhux finanzjarja li tinkludi informazzjoni, sal-livell meħtiegħ biex jiġu mifhuma l-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-impriża, relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Or. de

Emenda 123

Inese Vaidere

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt 1 – subparagrafu 1 – test introdutturju

Test propost mill-Kummissjoni

Għal kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500 u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' **EUR 20** miljun jew il-fatturat

Emenda

Għal kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500 u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' **EUR 40** miljun jew il-fatturat

nett ta' EUR **40** miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun **fiha** informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

nett ta' EUR **80** miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja **jew tagħmel referenza għaliha jew għal kwalunkwe rapport ieħor** li jkun **fiha** informazzjoni **mhux finanzjarja** relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Or. en

Emenda 124

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt 1 – subparagrafu 1 – test introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

Għal kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż **il-500** u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR **20** miljun jew il-fatturat nett ta' EUR **40** miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas **ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett** tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda

Għal kumpaniji **kbar** li l-għadd medju ta' impjegati **tagħhom** matul is-sena finanzjarja jaqbeż **l-1000** u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR **40** miljun jew il-fatturat nett ta' EUR **80** miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas **mar-rispett** tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Or. de

Emenda 125

Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Test propost mill-Kummissjoni

Għal kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż **il-500** u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda

Għal kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż **il-250** u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, **filwaqt li tiġi kkunsidrata l-katina ta' provvista kompluta ta' kumpanija**, inklużi:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' kumpanija kbira għandha tiġi interpretata skont id-definizzjoni eżistenti fir-raba' Direttiva tal-Kontabilità li skontha kumpanija hija kbira jekk l-għadd medju ta' impjegati tagħha jaqbeż il-250, u li taqbeż jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew inkella fatturat nett ta' EUR 40 miljun. Rapport dwar kwistjonijiet mhux finanzjarji u r-riskju relatat magħhom mhuwiex komplut mingħajr l-informazzjoni rilevanti relatata mal-katina kollha tal-provvista.

Emenda 126
Angelika Niebler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt 1 – subparagrafu 1 – test introdutturju

Test propost mill-Kummissjoni

Għal **kumpaniji** li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500 u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat

Emenda

Għal **impriżi elenkati** li l-għadd medju ta' impjegati **tagħhom** matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500 u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun

nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll – ***safejn din hija deċiżiva għall-valutazzjoni tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-impriża*** – dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Or. de

Emenda 127
Evelyn Regner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

Emenda

(ii) ir-riżultati ***u l-konsegwenzi*** ta' dawn il-politiki;

Or. en

Emenda 128
Richard Howitt

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

Emenda

(ii) ir-riżultati ta' dawn il-politiki; ***inkluża dejta tal-prestazzjoni ewlenija kkwantifikata, analiżi tax-xejriet storiċi u l-prestazzjoni fir-rigward ta' miri kwantifikati.***

Or. en

Emenda 129
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji.

Emenda

(iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet ***konnessi mal-operazzjonijiet tal-kumpanija, li aktarx li jikkawżaw, jew li kkawżaw, impatti negattivi ta' natura soċjali, ambjentali u fuq id-drittijiet tal-bniedem***; u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-aspetti kollha ta' riskju li tħabbat wiċċha magħhom kumpanija jeħtieġ li jiġu inkorporati fir-rappurtar biex il-proposta tikseb l-għanijiet tagħha.

Emenda 130
Edward McMillan-Scott

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt iii a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji.

Emenda

(iiia) Analiżi tal-użu tar-riżorsi, li tkun tinkludi, mill-inqas, l-użu tal-art, l-użu tal-ilma, emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra, l-użu tal-minerali u l-ġenerazzjoni tal-iskart.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi appoġġati l-effiċjenza tar-riżorsi u l-bidla lejn ekonomija ċirkulari promossa mill-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Effiċjenti fir-Riżorsi, l-UE jeħtieġ li ttejjeb l-informazzjoni dwar l-użu tal-art, l-użu tal-ilma, emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra, l-użu tal-minerali u l-ġenerazzjoni tal-iskart. Il-kumpaniji għandhom jirrappurtaw dwar l-użu tagħhom tar-riżorsi u l-produzzjoni tal-iskart, inkluża l-ħela tal-ikel, mill-farm sal-furketta.

Emenda 131

Arlene McCarthy

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) analiżi tal-użu tar-riżorsi, inkluż mill-inqas l-użu tal-art, l-użu tal-ilma, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra u l-użu tal-materjali;

Or. en

Emenda 132

Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) analiżi tal-użu tar-riżorsi, inkluż mill-inqas l-użu tal-art, l-użu tal-ilma, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra u l-użu tal-materjal;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-divulgazzjoni ta' informazzjoni ambjentali jista' jappoġġja l-protezzjoni tal-ambjent, jekk il-partijiet interessati jirċievu informazzjoni rilevanti, preċiża u komparabbli. Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi bejn kumpaniji jirrikjedi li jiġi stabbilit denominatur komuni minimu ta' rappurtar. Fil-Pjan Direzzjonali dwar l-Effiċjenza tar-Riżorsi tal-2011, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet l-użu ta' erba' indikaturi ewlenin – l-ilma, l-art, il-materjali u l-karbonju -għall-kejl tal-użu tar-riżorsi. Dawn indikaturi ġew appoġġjati mill-PE kif ukoll mill-Pjattaforma Ewropea għall-Effiċjenza tar-Riżorsi. Dawn għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda 133

Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt iiib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiib) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, manġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età, is-sess, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kumpaniji kbar kollha (u mhux biss daww li t-titoli trasferibbli tiegħu huma ammessi għan-negożjar f'suq regolat) għandhom jirrapportaw dwar il-politiki tad-diversità tagħhom. Għaldaqstant, il-proposta tal-Kummissjoni li jiġi emendat l-Artikolu 46a għandha titpoġġja fl-Artikolu 46(1) li jkopri wkoll kumpaniji kbar mhux elenkati.

Emenda 134

Sharon Bowles

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

AM\1009515MT.doc

59/128

PE523.052v01-00

Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1 – punt iiic (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiic) deskrizzjoni tal-politika tad-diliġenza dovuta tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward tal-ktajjen tal-provvista u s-subkuntratturi tagħha mill-inqas fl-oqsma relatati ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi wkoll l-oġettivi ta' din il-politika tad-diliġenza dovuta, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu ta' rappurtar.

Or. en

Emenda 135
Evelyn Regner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta kumpanija ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, għandha *tipprova* spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.

Meta kumpanija ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, għandha *tkun suġġetta għal sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji.*

Or. de

Emenda 136
Sharon Bowles, Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta kumpanija ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, għandha ttiprovdi spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.

Emenda

Meta kumpanija ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, għandha ttiprovdi spjegazzjoni **ċara u motivata** għaliex ma tagħmilx dan.

Or. en

Emenda 137
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta kumpanija ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, għandha ttiprovdi spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.

Emenda

Meta kumpanija ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, għandha ttiprovdi spjegazzjoni **motivata** għaliex ma tagħmilx dan, **ibbażata fuq stima tar-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet marbuta mal-operazzjonijiet tal-kumpanija, li aktarx jikkawżaw, jew ikkawżaw, impatti negattivi soċjali, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem; u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji;**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja huwa mezz essenzjali għat-titjib tal-prattika tan-negozju responsabbli u għall-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija globali, li tikkombina l-profitibbiltà fuq żmien twil mal-ġustizzja soċjali u l-ħarsien għall-ambjent. Il-possibbiltà li "tfiehem" għandha tippermetti lill-utenti tar-rappurtar li jifhmu kif il-kumpaniji jipperċipixxu u jevalwaw ir-riskji fl-istrateġiji tagħhom.

Emenda 138
Evelyn Regner

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Meta tipprovdi informazzjoni bħal din il-kumpanija, ***tista' sserraħ fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk għandha tispeçifika fuq liema oqfsa mxiet.***

Emenda

Meta tipprovdi informazzjoni bħal din il-kumpanija ***għandha*** tibbaża fuq il-qafas ***tal-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u l-Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali. Hi għandha twettaq diliġenza dovuta fil-katina tal-provvista tal-kumpanija.***

Or. en

Emenda 139
Sharon Bowles

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Meta ***tipprovdi informazzjoni bħal din il-kumpanija, tista' sserraħ*** fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali ***u, jekk tagħmel hekk għandha tispeçifika*** fuq liema oqfsa ***mxiet.***

Emenda

Meta ***jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa skont l-ewwel subparagrafu, l-impriżi għandhom jibbażaw*** fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali. ***L-impriżi għandhom jispeçifikaw*** fuq liema oqfsa ***bbażaw.***

Or. en

Emenda 140
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Meta tipprovdi informazzjoni bħal din il-kumpanija, tista' **sserraħ** fuq oqfsa **nazzjonali, ibbażati** fl-UE jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk għandha tispeċifika fuq liema oqfsa **mxiet**.

Emenda

Meta tipprovdi informazzjoni bħal din, il-kumpanija **għandha tikkunsidra r-responsabilità tagħha li tirrispetta d-drittijiet u l-valuri protetti min-normi tad-dritt internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-kumpanija għandha tapplika l-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplementaw il-Qafas tan-NU "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Barra minn hekk, il-kumpanija tista' **tibbaża** fuq oqfsa **bbażati** fl-UE jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk, għandha tispeċifika fuq liema oqfsa **bbażat**. **Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mingħajr ħsara għar-reqwiżiti ta' din id-Direttiva jew għal leġiżlazzjoni jew gwida oħra tal-Unjoni Ewropea li fihom iżjed regoli speċifiċi għad-divulgazzjoni mhux finanzjarja tal-kumpaniji.****

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qafas globali armonizzat għal rappurtar dwar is-sostenibilità huwa fl-interess tal-kumpaniji li joperaw fl-ekonomija globali. Il-Linji Gwida tal-OECD jkopru l-oqsma kollha ewlenin tal-etika tan-negozju. Il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU approva unanimament il-Prinċipji Gwida li jimplementaw il-Qafas "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja". Minħabba l-ambitu tas-sostenibilità komprensiv tagħhom u l-kumplimentarjetajiet tagħhom, dawn iż-żewġ oqsfa għandhom jintużaw bħala l-bażi tal-allinjament u l-armonizzazzjoni tar-rappurtar.

Emenda 141

Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Rigward il-limitu meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-kumpanija, l-analiżi għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negożju partikolari.

Emenda

(c) Rigward il-limitu meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-kumpanija, ***u l-impatti fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u f'termini soċjali u ambjentali***, l-analiżi għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negożju partikolari.

Or. en

Emenda 142
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ca) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa gwida dwar il-metodoloġija u l-użu tal-istandards internazzjonali u tal-indikaturi tal-prestazzjoni mhux finanzjarja, kif imsemmija fl-Artikolu 46.1 sabiex jassistu l-kumpaniji fir-rappurtar tagħhom.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-gwida. Din għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-gwida, mhux iżjed tard minn 18-il xahar wara l-adozzjoni tad-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jittejjeb ir-rappurtar dwar is-sostenibilità tal-korporazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha ttipprovdi gwida kontinwa dwar indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin xierqa u

metodoloġija dwar il-kejl tar-riżorsi, filwaqt li ssir riflessjoni dwar l-użu ta' standards internazzjonali.

Emenda 143
Evelyn Regner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tfassal u tippromwovi linji gwida dwar il-metodoloġija u l-użu tal-istandards internazzjonali u tal-oqsfa tal-prestazzjoni mhux finanzjarja, kif imsemmija fl-Artikolu 46 sabiex jappoġġaw il-kumpaniji fir-rappurtar tagħhom.

Or. en

Emenda 144
Martin Kastler, Manfred Weber

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt b
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Meta ***kumpanija*** tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(b), għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(b), sakemm dan ir-rapport ikun parti mir-rapport annwali.

4. Meta ***impriża elenkata*** tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(b), għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(b), sakemm dan ir-rapport ikun parti mir-rapport annwali.'

Emenda 145
Inese Vaidere

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt b
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta kumpanija tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(b), għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(b), sakemm dan ir-rapport ikun parti *mir-rapport* annwali.

Emenda

4. Meta kumpanija tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(b), għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(b), sakemm dan ir-rapport ikun parti minn *jew ikun hemm referenza għalih fir-rapport* annwali.

Emenda 146
Angelika Niebler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt b
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta *kumpanija* tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(b), għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(b),

Emenda

4. Meta *impriża elenkata* tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(b), għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(b),

sakemm dan ir-rapport ikun parti mir-rapport annwali.

sakemm dan ir-rapport ikun parti mir-rapport annwali.’

Or. de

Emenda 147
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt c
Directive 78/660/EEC
Artikolu 46 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Kumpanija li hija kumpanija sussidjarja għandha tiġi eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1(b), jekk il-kumpanija u s-sussidjarji tagħha huma kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji u rapport annwali ta' kumpanija oħra u dak ir-rapport annwali konsolidat jitfassal skont l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 83/349/KEE.

imħassar

Or. en

Emenda 148
Evelyn Regner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 1 – subpunt c
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Kumpanija li hija kumpanija sussidjarja għandha tiġi eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1(b), jekk il-kumpanija u s-sussidjarji tagħha huma kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji u rapport annwali ta' kumpanija oħra u dak ir-rapport annwali konsolidat jitfassal

imħassar

skont l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 83/349/KEE.

Or. de

Emenda 149

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1 – subpunt c

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Kumpanija li hija kumpanija sussidjarja għandha tiġi eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1(b), jekk il-kumpanija u s-sussidjarji tagħha huma kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji u rapport annwali ta' kumpanija oħra u dak ir-rapport annwali konsolidat jitfassal skont l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 83/349/KEE.

Emenda

5. Kumpanija li hija kumpanija sussidjarja għandha tiġi eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1(b), jekk il-kumpanija u s-sussidjarji tagħha huma kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji u rapport annwali ta' kumpanija oħra u dak ir-rapport annwali konsolidat jitfassal skont l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 83/349/KEE.

Il-persuni li jwettqu l-awditu għandhom jiċċekkjaw biss jekk nġhatatx l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(b).

Or. de

Emenda 150

Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46a

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-Artikolu 46a huwa emendat kif ġej:

‘(a) Fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt(g) li ġej:

Emenda

imħassar

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età, is-sess, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar. Jekk il-kumpanija ma għandhiex tali politika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ċara u mmotivata dwar għalfejn dan hu l-każ.

(b) Jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

'4. Il-punt (g) tal-paragrafu 1 ma japplikax għal kumpaniji skont it-tifsira tal-Artikolu 27.

Or. en

Emenda 151

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2 – subpunt a

Direttiva 78/660/KEE

Artikolu 46 a – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età, is-sess, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar. Jekk il-kumpanija ma għandhiex tali politika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ċara u mmotivata dwar għalfejn dan hu l-każ.

imħassar

Or. de

Emenda 152
Evelyn Regner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 2 – subpunt a
Direttiva 76/660/KEE
Artikolu 46 a – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward ta' aspetti **bħalma huma l-età, is-sess, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar. Jekk il-kumpanija ma għandhiex tali politika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ċara u mmotivata dwar għalfajn dan hu l-każ.**

Emenda

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward ta' aspetti **tal-ugwaljanza u aspetti oħra bħall-età, il-ġeneru, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar. Jekk il-kumpanija ma għandhiex tali politika, hija għandha tkun suġġetta għal sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji.**

Or. de

Emenda 153
Martin Kastler, Manfred Weber

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 2 – subpunt a
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46a – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità **tal-kumpanija** għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età, **is-sess, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati**

Emenda

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità **tal-impriża elenkata** għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età **u l-ġeneru, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar. Jekk l-impriża elenkata ma**

fil-perjodu tar-rappurtar. Jekk **il-kumpanija** ma għandhiex tali politika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ċara u mmotivata dwar għalfejn dan hu l-każ.

għandhiex tali politika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ċara u motivata dwar għalfejn dan hu l-każ.

Or. de

Emenda 154
Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 2 – subpunt a
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46a – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u supervizzorji tagħha fir-rigward **ta'** aspetti bħalma huma l-età, **is-sess, id-diversità ġeografika**, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif għet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar. Jekk **il-kumpanija** ma għandhiex tali politika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ċara u mmotivata dwar għalfejn dan hu l-każ.

Emenda

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u supervizzorji tagħha fir-rigward **tal-ġeneru u** aspetti **oħra** bħalma huma l-età, **id-diżabilità, l-oriġini etnika jew nazzjonali**, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif għet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar. Jekk **l-impriża** ma għandhiex tali politika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ċara u mmotivata dwar għalfejn dan hu l-każ.

Or. en

Emenda 155
Sharon Bowles

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – subpunt b – parti introduttorja
Direttiva 78/660/KEE
Artikolu 46a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) Jiżdied *il-paragrafu 4* li ġej:

(b) Jiżdied *il-punt (ca)* li ġej:

Or. en

Emenda 156

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 3

Direttiva 78/660/KE

Artikolu 53a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Artikolu 53a huwa sostitwit b'dan li ġej:

imħassar

"Artikolu 53a

L-Istati Membri ma għandhomx jagħmlu disponibbli l-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1a, 11, l-Artikolu 27, il-punti (7a) u (7b) tal-Artikolu 43(1), l-Artikolu 46(3), l-Artikolu 47 u l-Artikolu 51 ta' din id-Direttiva fil-każ ta' kumpaniji li t-titoli tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat skont is-sens tal-punt (14) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE."

Or. de

Emenda 157

Alexandra Thein

Proposta għal direttiva

Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 2

imħassar

Emendi lid-Direttiva 83/349/KEE

Id-Direttiva 83/349/KEE għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Ir-rapport annwali konsolidat għandu jinkludi tal-anqas analiżi ġusta tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju u tal-pożizzjoni tal-intrapriżi inkluża fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, flimkien mad-deskrizzjoni tar-riskji u l-inċertezzi prinċipali li jaffaċċjaw.

L-eżami janalizza b'mod bilanċjat l-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju u tal-pożizzjoni tal-intrapriżi inkluża fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, flimkien mad-deskrizzjoni tar-riskji u l-inċertezzi prinċipali li jaffaċċjaw.

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

– (i) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-kumpanija fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;

– (ii) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

– (iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji.

Fejn l-intrapriżi inklużi fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, ma jsegwux politiki fir-rigward ta'

kwistjoni waħda jew aktar minn dawn, il-kumpanija għandha tipprovdi spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.

Meta jipprovdi din l-informazzjoni, ir-rapport annwali kkonsolidat jista' juża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u jekk jagħmel hekk, għandu jispeċifika fuq liema oqfsa mexa.

Sa fejn huwa neċessarju sabiex wieħed jifhem dan l-iżvilupp, prestazzjoni jew pożizzjoni, l-analiżi tkun tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji u mhux indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji rilevanti għan-negozju partikolari.

Billi jipprovdi l-analiżi tiegħu, ir-rapport annwali kkonsolidat għandu, fejn xieraq, jipprovdi referenzi għal spjegazzjonijiet u spjegazzjonijiet addizzjonali ta' ammonti rappurtati fil-kontijiet ikkonsolidati. '

(b) Il-paragrafi 4 u 5 li ġejjin huma miżjuda:

'4. Meta impriża prinċipali theggi rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja, li jirreferi għall-grupp kollu tal-intrapriża kkonsolidati, billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u tkopri l-informazzjoni prevista fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, l-intrapriża prinċipali tkun eżentata mill-obbligu li theggi d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stabbilita fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, sakemm tali rapport komprensiv huwa parti minn rapport annwali kkonsolidat.

5. Intrapriża prinċipali li hija wkoll intrapriża sussidjarja tkun eżentata mill-obbligi stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, jekk l-impriża eżentata u s-sussidjarji tagħha huma kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji u r-rapport annwali ta' intrapriża oħra, u dak ir-rapport annwali konsolidat jitfassal skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1. '

Emenda 158
Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

imħassar

'1. Ir-rapport annwali konsolidat għandu jinkludi tal-anqas analiżi ġusta tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju u tal-pożizzjoni tal-intrapriżi inkluża fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, flimkien mad-deskrizzjoni tar-riskji u l-inċertezzi prinċipali li jaffaċċjaw.

L-eżami janalizza b'mod bilanċjat l-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju u tal-pożizzjoni tal-intrapriżi inkluża fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, flimkien mad-deskrizzjoni tar-riskji u l-inċertezzi prinċipali li jaffaċċjaw.

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

– (i) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-kumpanija fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;

– (ii) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

– (iii) *ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji.*

Fejn l-intrapriżi inklużi fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, ma jsegwux politiki fir-rigward ta' kwistjoni waħda jew aktar minn dawn, il-kumpanija għandha tipprovdi spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.

Meta jipprovdi din l-informazzjoni, ir-rapport annwali kkonsolidat jista' juża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u jekk jagħmel hekk, għandu jispeċifika fuq liema oqfsa mexa.

Sa fejn huwa neċessarju sabiex wieħed jifhem dan l-iżvilupp, prestazzjoni jew pożizzjoni, l-analiżi tkun tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji u mhux indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji rilevanti għan-negozju partikolari.

Meta jipprovdi l-analiżi tiegħu, ir-rapport annwali kkonsolidat għandu, fejn xieraq, jipprovdi referenzi għal spjegazzjonijiet u spjegazzjonijiet addizzjonali ta' ammonti rappurtati fil-kontijiet ikkonsolidati. '

Or. en

Emenda 159
Evelyn Regner

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – test introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' **500** impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-

Emenda

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' **250** impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-

karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

karta tal-bilanċ ta' EUR 17.5 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 20 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, **tal-ugwaljanza**, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Or. de

Emenda 160
Sharon Bowles

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 83/349/KEE
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – test introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda

Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-analiżi tal-impriżi prinċipali ta' grupp kbir, li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Or. en

Emenda 161
Inese Vaidere

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a

Test propost mill-Kummissjoni

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR **20** miljun jew il-fatturat nett ta' EUR **40** miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun **fiha** informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR **40** miljun jew il-fatturat nett ta' EUR **80** miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja **jew tagħmel referenza għaliha jew għal kwalunkwe rapport ieħor** li jkun **fih/a** informazzjoni mhux finanzjarja relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Or. en

Emenda 162

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – test introdutturju

Test propost mill-Kummissjoni

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' **500** impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR **20** miljun jew il-fatturat nett ta' EUR **40** miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' **1000** impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR **40** miljun jew il-fatturat nett ta' EUR **80** miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni

u t-tixħim, inklużi:

Or. de

Emenda 163
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – test introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' **500** impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

Emenda

Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' **250** impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, ***b'kunsiderazzjoni tal-katina tal-provvista sħiħa tal-kumpanija***, inklużi:

Or. en

Emenda 164
Evelyn Regner

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 - punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

Emenda

(ii) ir-riżultati ***u l-konsegwenzi*** ta' dawn il-politiki;

Emenda 165
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 83/349/KEE
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 - punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja daww ir-riskji.

Emenda

(iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet ***konnessi mal-operazzjonijiet tal-kumpanija, li aktarx li jikkawżaw, jew li kkawżaw, impatti negattivi serji ta' natura soċjali, ambjentali u fuq id-drittijiet tal-bniedem***, u ***l-mod*** kif il-kumpanija timmaniġġja dawn ir-riskji.

Emenda 166
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 83/349/KEE
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt iiiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(iiiia) analiżi tal-użu tar-riżorsi, inkluż mill-inqas l-użu tal-art, l-użu tal-ilma, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra u l-użu tal-materjali;

Emenda 167
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 83/349/KEE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt iiib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(iiib) dejta diżaggregata skont il-ġeneru
dwar il-paga medja kull siegħa tal-
impjegati tul il-perjodu ta' rappurtar;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rappurtar mhux finanzjarju għandu jinkludi wkoll informazzjoni anonima rigward id-distakk fil-pagi skont il-ġeneru fi ħdan kumpanija. L-ebda salarju individwali mhu se jissemma fir-rapport: jissemma biss it-total tas-salarji kollha tal-irġiel fil-kumpanija, diviż bl-għadd ta' sigħat li nħadmu mill-irġiel fil-kumpanija. L-istess ħaġa għandha tiġi rappurtata għas-salarji u s-sigħat tan-nisa. Id-differenza bejn iż-żewġ kategoriji tirrappreżenta d-distakk fil-pagi skont il-ġeneru fil-kumpanija.

Emenda 168

Sharon Bowles

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a

Direttiva 83/349/KE

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt iiic (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iic) deskrizzjoni tal-politika tad-diliġenza dovuta tal-grupp għall-korpi amministrattivi, manġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward tal-ktajjen tal-provvista u s-subkuntratturi tagħha talanqas fl-oqsma relatati ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi wkoll l-oġettivi ta' din il-politika tad-diliġenza dovuta, kif għiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu ta' rappurtar.

Or. en

Emenda 169
Evelyn Regner

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 83/349/KEE
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn l-intrapriżi inklużi fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, ma jsegwux politiki fir-rigward ta' kwistjoni waħda jew aktar minn dawn, il-kumpanija għandha **tipprovdi spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.**

Emenda

Meta l-intrapriżi inklużi fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, ma jsegwux politiki fir-rigward ta' kwistjoni waħda jew aktar minn dawn, il-kumpanija għandha **tkun suġġetta għal sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji.**

Or. de

Emenda 170
Sharon Bowles

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 83/349/KEE
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn l-intrapriżi inklużi fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, ma jsegwux politiki fir-rigward ta' kwistjoni waħda jew aktar minn dawn, **il-kumpanija** għandha ttipprovdi spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.

Emenda

Meta l-grupp ma jsegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn **il-kwistjonijiet, l-analiżi** għandha ttipprovdi spjegazzjoni **ċara u motivata** għaliex ma tagħmilx dan.

Or. en

Emenda 171
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 83/349/KEE
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn l-intrapriżi inklużi fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, ma jsegwux politiki fir-rigward ta' kwistjoni waħda jew aktar minn dawn, il-kumpanija għandha ttipprovdi spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.

Emenda

Fejn l-intrapriżi inklużi fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, ma jsegwux politiki fir-rigward ta' kwistjoni waħda jew aktar minn dawn, il-kumpanija għandha ttipprovdi spjegazzjoni **motivata** għaliex ma tagħmilx dan, **ibbażata fuq stima tar-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet marbuta mal-operazzjonijiet tal-kumpanija, li aktarx jikkawżaw, jew ikkawżaw, impatti negattivi soċjali, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem; u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji;**

Or. en

Emenda 172
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 83/349/KEE
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Meta **jipprovd**i din l-informazzjoni, ir-rapport annwali kkonsolidat jista' juża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u jekk jagħmel hekk, għandu jispeċifika fuq liema oqfsa mexa.

Emenda

Meta **tipprowd**i informazzjoni bħal din, **il-kumpanija għandha tikkunsidra r-responsabilità tagħha li tirrispetta d-drittijiet u l-valuri protetti min-normi tad-dritt internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-kumpanija għandha tapplika l-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Barra minn hekk, ir-rapport annwali kkonsolidat jista' juża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u jekk jagħmel hekk, għandu jispeċifika fuq liema oqfsa mexa. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mingħajr ħsara għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jew għal leġiżlazzjoni jew gwida oħra tal-Unjoni Ewropea li fihom iżjed regoli speċifiċi għad-divulgazzjoni mhux finanzjarja tal-kumpaniji.**

Or. en

Emenda 173
Evelyn Regner

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 83/349/KEE
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Meta jipprovd i din l-informazzjoni, ir-rapport annwali kkonsolidat **jista'** juża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u jekk jagħmel hekk, għandu jispeċifika fuq liema oqfsa mexa.

Emenda

Meta jipprovd i din l-informazzjoni, ir-rapport annwali kkonsolidat **għandu** juża **l-qafas tal-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u l-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-OECD. Għandu jwettaq diliġenza dovuta fil-katina tal-**

Emenda 174
Sharon Bowles

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt a
Direttiva 83/349/KEE
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Meta *jipprovd* din l-informazzjoni, *ir-rapport annwali kkonsolidat jista' juża* oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, *u jekk jagħmel hekk, għandu jispeċifika* fuq liema oqfsa *mexa*.

Emenda

Meta *tipprovd* l-informazzjoni *stipulata fl-ewwel subparagrafu, l-impriża prinċipali għandha tibbaża fuq* oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali *u għandha tispeċifika* fuq liema oqfsa *bbażat*.

Emenda 175
Inese Vaidere

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt 1 – subpunt b
Direttiva 83/349/KEE
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta impriża prinċipali tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja, li jirreferi għall-grupp kollu tal-intrapriżi kkonsolidati, billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u tkopri l-informazzjoni prevista fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, l-intrapriża prinċipali tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stabbilita fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1,

Emenda

4. Meta impriża prinċipali tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja, li jirreferi għall-grupp kollu tal-intrapriżi kkonsolidati, billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u tkopri l-informazzjoni prevista fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, l-intrapriża prinċipali tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stabbilita fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1,

sakemm tali rapport komprensiv huwa parti
minn rapport annwali *kkonsolidat*.

sakemm tali rapport komprensiv huwa parti
mir-rapport annwali *jew huwa msemmi*
fih.

Or. en

Emenda 176

Sharon Bowles, Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 a (ġdid) – punt a

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 2 – punt 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt li ġej:

(16a) "Rapport għal kull pajjiż" tfisser l-informazzjoni finanzjarja li ġejja, li trid tingħata minn impriża kif definit fl-Artikolu 2, paragrafu 1(a), (b) u (c) u l-Artikolu 3, paragrafu 4 għal kull Stat Membru u pajjiż terz li topera fih:

a) l-isem/ismijiet, in-natura tal-attivitajiet u l-post ġeografiku;

b) il-fatturat;

c) l-għadd ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full time;

d) il-qligħ jew telf qabel it-taxxa;

e) it-taxxa fuq il-qligħ jew it-telf;

f) is-sussidji pubbliċi riċevuti.

Or. en

Emenda 177

Sergio Gaetano Cofferati, Arlene McCarthy

Proposta għal direttiva

Artikolu 2a (ġdid) – punt b

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġejj:

Artikolu 5a

Infurzar

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi effettivi u adegwati sabiex tiġi żgurata divulgazzjoni korretta ta' informazzjoni mhux finanzjarja mill-kumpaniji, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ proċeduri nazzjonali effikaċi biex tiġi infurzata l-konformità mal-obbligi ta' din id-Direttiva u li dawn il-proċeduri jkunu disponibbli għall-persuni u l-entitajiet ġuridiċi kollha li jkollhom interess leġittimu, b'konformità mal-liġi nazzjonali, fl-iżgurar li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrispettati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu evitati riskji ta' greenwashing u informazzjoni qarrieqa, jeħtieġ li fl-Istati Membri jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi bl-għan li d-Direttiva tiġi implimentata u infurzata korrettament. Sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet nazzjonali ferm differenti, għandu jkun hemm flessibilità fil-konfront tal-Istati Membri fir-rigward tan-natura ta' dawn il-mekkaniżmi.

Emenda 178

Sergio Gaetano Cofferati, Françoise Castex, Arlene McCarthy

Proposta għal direttiva

Artikolu 2a (ġdid) – punt c

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) Fl-Artikolu 18, għandu jiddaħħal il-

paragrafu li ġej:

'2a. Fin-noti mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, impriżi kbar u entitajiet ta' interess pubbliku għandhom jiddivulgaw, filwaqt li jispeċifikaw skont l-Istat Membru u skont il-pajjiż terz li huma stabbiliti fihom, l-informazzjoni li ġejja fuq bażi konsolidata għas-sena finanzjarja:

a) l-isem/ismijiet, in-natura tal-attivitajiet u l-post ġeografiku;

b) il-fatturat;

c) l-għadd ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full time;

d) valuri tal-assi u l-ispiża annwali taż-żamma ta' dawk l-assi;

e) il-bejgħ u x-xiri;

f) il-qligħ jew telf qabel it-taxxa;

g) it-taxxa fuq il-qligħ jew it-telf;

h) is-sussidji pubbliċi riċevuti;

i) il-kumpaniji prinċipali għandhom jipprovdu lista ta' sussidjarji li joperaw f'kull Stat Membru jew pajjiż terz, flimkien mad-dejta relevanti.'

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fit-22 ta' Mejju 2013, fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa, il-Kunsill Ewropew talab li jkun hemm progress rapidu fuq 'il-proposta li temenda d-Direttivi dwar tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn kumpaniji u gruppi kbar, bl-għan li jkun żgurat rappurtar għal kull pajjiż minn kumpaniji u gruppi kbar'. L-Istituzzjonijiet Ewropej għandhom jaġixxu b'ħeffa, b'mod partikolari wara dik it-talba, biex jiżguraw aktar trasparenza fir-rigward tal-politika tat-taxxa ta' impriżi kbar u entitajiet ta' interess pubbliku, billi japprova f'din il-biċċa leġiżlazzjoni obbligu ta' rappurtar għal kull pajjiż. Dan se jiżgura li l-investituri u l-konsumaturi jkollhom l-informazzjoni meħtieġa dwar l-attivitajiet ta' dawn il-kumpaniji, u b'hekk tiżdied il-fiduċja f'impriżi kbar u entitajiet ta' interess pubbliku.

Emenda 179

Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt d
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

Or. en

Emenda 180
Alexandra Thein

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt d
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Ir-rapport dwar il-ġestjoni għandu jinkludi analiżi xierqa tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-impriża u tal-pożizzjoni tagħha, flimkien ma' deskrizzjoni tar-riskji u l-inċertezzi prinċipali li tiffaċċja.

L-analiżi għandha tkun analiżi bbilanċjata u komprensiva tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-kumpanija u tal-pożizzjoni tagħha, konsistenti mad-daqs u l-kumplessità tan-negozju.

(2) Jiżdiedu l-paragrafi 1a sa 1c li ġejjin:

'1a. Għal entitajiet ta' interess pubbliku, li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-

impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

(a) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-impriża fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;

(b) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

(c) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif l-impriża timmaniġġja dawk ir-riskji.

Meta entità ta' interess pubbliku ma tipprovdix informazzjoni fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, l-analiżi għandha tipprovidi spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.

Meta tipprovidi l-informazzjoni meħtieġa skont l-ewwel subparagrafu, l-impriża tista' tibbaża fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u jekk ikun il-każ, l-impriża għandha tispeċifika fuq liema oqfsa bbażat.

1b. Sal-livell meħtieġ biex jiġu mifhuma l-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-impriża, l-analiżi msemija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għan-negozju partikolari.

1c. Fl-analiżi msemija fil-paragrafu 1, ir-rapport tal-ġestjoni għandu, fejn xieraq, jinkludi referenzi għall-ammonti rrappurtati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, u spjegazzjonijiet addizzjonali dwarhom.'

(3) Il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'4. Meta impriża tħejji rapport separat li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja billi tibbaża fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(a), l-impriża għandha tkun eżentata mill-obbligu li

tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(a), sakemm dan ir-rapport separat ikun ippubblikat bil-mod stabbilit fl-Artikolu 30 jew ikun disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-entità ta' interess pubbliku.'

(4) Jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

'5. Impriża li hija impriża sussidjarja għandha tkun eżentata mill-obbligi stipulati fil-paragrafu 1a jekk l-impriża u l-impriżi sussidjarji tagħha jkunu inklużi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapport tal-ġestjoni kkonsolidat ta' impriża oħra u li dak ir-rapport tal-ġestjoni kkonsolidat huwa mfassal bi qbil mal-Artikolu 29.'

Or. en

Emenda 181
Sajjad Karim

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt d
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(1) Jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

1a. Għal entitajiet ta' interess pubbliku, li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li tinkludi informazzjoni, sal-livell meħtieġ biex jiġu mifhuma l-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-impriża, relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

(a) deskrizzjoni tal-istrateġija tal-kumpanija,

(b) deskrizzjoni tal-mudell tan-negozju tal-kumpanija,

L-analiżi għandha tinkludi ukoll:

(a) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-impriża fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;

(b) ir-riżultati ta' dawn il-politiki

(c) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif l-impriża timmaniġġja dawk ir-riskji.

Meta l-impriża ma tirrappurtax dwar waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, l-analiżi għandha tipprovdi spjegazzjoni ċara u motivata għaliex ma tagħmilx dan.

Fejn l-impriża tibbaża fuq oqsfa nazzjonali, bbażati fl-Unjoni jew internazzjonali meta tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa mill-ewwel subparagrafu, l-impriża għandha tispeċifika liema qafas/oqsfa ġew applikati.

(2) Jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

Xejn f'dan l-artikolu mhu se jeħtieġ id-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar żviluppi imminenti jew kwistjonijiet li jkun qad jiġu negozjati jekk id-divulgazzjoni, fl-opinjoni tal-korp amministrattiv, maniġerjali u superviżorji, tkun ta' ħsara serja għall-interessi tal-kumpanija.

Or. en

Emenda 182
Olle Ludvigsson

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt d

(d) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġejj:

'1. (a) Ir-rapport tal-ġestjoni għandu jinkludi analiżi ġusta tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-kumpanija u tal-pożizzjoni tagħha, kif ukoll deskrizzjoni tar-riskji prinċipali u l-inċertezzi li taffaċċja.

L-analiżi għandha tkun analiżi bbilanċjata u komprensiva tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-kumpanija u l-pożizzjoni tagħha, konsistenti mad-daqs u l-kumplessità tan-negozju.

(b) Għal impriżi kbar, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja bl-informazzjoni relatata tal-inqas mal-kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inkluż:

(i) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-impriża fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;

(ii) ir-riżultati ta' dawn il-politiki, inklużi deskrizzjonijiet ta' devjazzjonijiet mill-politiki u ksur tagħhom, u l-azzjoni meħuda biex jiġu trattati tali sitwazzjonijiet;

(iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif l-impriża timmaniġġja dawk ir-riskji;

(iv) deskrizzjoni tal-obiettivi u r-riżultati tal-operazzjoni ta' diliġenza dovuta li twettaq l-impriża sabiex tiżgura li l-politiki huma applikati u r-riskji huma ġestiti tul il-katina kollha tal-provvista tagħha, inklużi fornituri, subkuntratturi u sħab kummerċjali oħra.

Meta impriża ma ssegwix politiki fir-

rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, l-analiżi għandha tipprovdi spjegazzjoni ċara u sostanzjali għaliex ma tagħmilx dan.

Meta tipprovdi informazzjoni bħal din, l-impriża tista' tibbaża fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk, għandha tispeċifika fuq liema oqfsa bbażat.

(c) Rigward il-limitu meħtieġ biex jiġu mifhuma l-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-impriża, l-analiżi għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negozju partikolari.

(d) Meta jipprovdi l-analiżi, ir-rapport ta' ġestjoni, fejn ikun xieraq għandu jinkludi referenzi għal, u spjegazzjonijiet ulterjuri dwar, l-ammonti rrappurtati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali.'

Or. en

Emenda 183
Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt d
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19 – paragrafi 1a - 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) Fl-Artikolu 19 jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

'1a. Għal impriżi kbar li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata ma', minimament, kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-

impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

(a) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-impriża fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet,

(b) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

(c) ir-riskji relatati ma' kwistjonijiet marbuta mal-attivitajiet, l-operazzjonijiet, il-prodotti u servizzi tal-impriża, jew permezz tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħha li aktarx li jikkawżaw impatti negattivi f'dawn l-oqsma;

(d) kif il-kumpanija tiġġestixxi dawk ir-riskji, inkluż permezz ta' proċessi ta' diliġenza dovuta.

Meta impriża ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, l-analiżi għandha tipprovdi spjegazzjoni ċara u motivata għaliex ma tagħmilx dan.

Meta tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa skont l-ewwel subparagrafu, l-impriża tista' tibbaża fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u jekk ikun il-każ, l-impriża għandha tispeċifika fuq liema oqfsa bbażat.

1b. Sal-livell meħtieġ biex jiġu mifhuma l-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni attwali u ġejjiena tal-impriża u għat-trasparenza u l-komparabbiltà tal-analiżi, l-analiżi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għan-negozju partikolari.

1c. Fl-analiżi msemmija fil-paragrafu 1, ir-rapport tal-ġestjoni għandu, fejn xieraq, jinkludi referenzi għall-ammonti rrappurtati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, u spjegazzjonijiet addizzjonali dwarhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li tiġi separata b'mod ċar id-deskrizzjoni tal-politiki, bir-riżultati ta' dawn il-politiki, ir-riskji assiċjati mal-ġestjoni tal-impatti potenzjalment marbuta mal-attivitajiet tal-impriżi u kif jiġu ġestiti dawn ir-riskji. Importanti wkoll li l-impriżi jippreżentaw il-proċessi li għandhom stabbiliti biex jidentifikaw, jipprevjenu u jimmitigaw kif jindirizzaw l-impatt negattivi attwali u potenzjali bħala parti mill-ġestjoni tan-negozju tagħhom.

Emenda 184

Sergio Gaetano Cofferati

Proposta għal direttiva

Artikolu 2a (ġdid) – punt d

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19 – paragrafi 1a - 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) Fl-Artikolu 19 jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

'1a. Għal impriżi kbar u l-entitajiet ta' interess pubbliku kollha, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li tkun tinkludi informazzjoni dwar l-impatt tal-attività tal-impriża fuq is-soċjetà fir-rigward ta', minimament, kwistjonijiet ambjentali, soċjali, tal-ġeneru u tal-impjeg, inkluż id-djalogu soċjali u r-rispett għad-drittijiet tat-trade unions, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

(a) deskrizzjoni tal-politika, inklużi l-miri għal tul ta' żmien medju u fit-tul, segwita mill-impriżi fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet, filwaqt li tirreferi wkoll għall-proċessi ta' diliġenza dovuta implimentata;

(b) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

(c) l-inċidenti sinifikanti li seħħew matul il-perjodu ta' rappurtar b'rabta ma' dawn il-kwistjonijiet;

(d) ir-riskji attwali u potenzjali għall-impriża u s-soċjetà relatati ma' dawn il-

kwistjonijiet u kif l-impriża tiġġestixxi dawk ir-riskji.

Meta l-impriża ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew diversi minn dawn kwistjonijiet, l-analiżi għandha tipprovdi spjegazzjoni għalfejn m'għamlitx dan. L-isjegazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tar-riskji tad-deċiżjoni li ma jiġux segwiti politiki relatati ma' dawn il-kwistjonijiet.

L-impatt tal-attivitajiet tal-impriża fuq is-soċjetà għandu jinkludi l-impatti li jinħolqu mill-attivitajiet tal-impriża kif ukoll dawk li jinħolqu mill-attivitajiet ta' impriża oħrajn li huma marbuta mal-kumpanija li tkun qed tirrapporta permezz ta' relazzjonijiet kummerċjali, bħalma huma inizjattivi ta' impriża konġunta u l-ktajjen tal-provvista u ta' subkuntrattar.

Ib. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati b'konformità mal-Artikolu 49, sa tmiem l-2015, u taġġorna regolarment, il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja. Dawn il-linji gwida għandhom jibbażaw fuq il-Prinċipji Gwida dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida għal Intrapriża Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Il-linji gwida għandu jkun fihom dispożizzjonijiet ġenerali kif ukoll dispożizzjonijiet ibbażati skont is-settur. Dawn il-linji gwida għandu jkun fihom Indikaturi Prinċipali tal-Prestazzjoni (KPIs) settorjali fil-kwistjonijiet li dwarhom trid tiġi pprovduta informazzjoni. Il-KPIs żviluppatti biex jitkejjel l-impatt tal-attività tal-kumpanija rigward kwistjonijiet ambjentali għandhom minimament ikopru l-użu tal-art, l-użu tal-ilma, l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u l-użu ta' materjali.

1c. Meta tipprovd i-informazzjoni definita fil-Paragrafu 1(a), l-impriża għandha tibbaża fuq il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja, minn sena wara l-adozzjoni tagħhom. Qabel dak iż-żmien, l-impriża għandha tibbaża ruħha mill-inqas fuq il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Barra minn hekk, l-impriża tista' tibbaża ruħha wkoll fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk għandha tispeċifika fuq liema oqfsa bbażat.

1d. Rigward il-limitu meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-impriża, l-analiżi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negozju partikolari.

1e. Fl-analiżi msemmija fil-paragrafu 1, ir-rapport tal-ġestjoni għandu, fejn xieraq, jinkludi referenzi għall-ammonti rrappurtati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, u spjegazzjonijiet addizzjonali dwarhom.'

Or. en

Ġustifikazzjoni

Importanti li jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma konsistenti mad-definizzjoni l-ġdida ta' Responsabilità Soċjali Korporattiva u li l-limiti huma l-istess bħal dawk definiti fid-Direttivi dwar il-Kontabbiltà. Id-dikjarazzjoni mhux finanzjarja għandha tinkludi informazzjoni dwar kwalunkwe inċident sinifikanti relatat mal-kwistjonijiet definiti, minħabba li din l-informazzjoni hi meħtieġa biex tipprovd i-konsumaturi u l-investituri b'vista ċara u komprensiva dwar l-impatt tal-attività tal-kumpaniji. Kif imsemmi fir-Rapporti tal-Parlament Ewropew dwar ir-Responsabilità Soċjali Korporattiva, l-informazzjoni mhux finanzjarja għandha tkopri wkoll il-ktajjen tas-subkuntratturi u tal-provvista. Huwa meħtieġ li

l-investituri u l-konsumaturi huma infurmati dwar il-valutazzjoni tar-riskji mwettqa mill-kumpaniji talli ma jkunux segwew politika fil-kwistjonijiet definiti ta' rappurtar mhux finanzjarju. Biex tiġi evitata kwalunkwe inċertezza legali għall-kumpaniji, hu propost li l-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dawn il-linji gwida għandhom jinkludu fihom l-Indikaturi Prinċipali tal-Prestazzjoni xierqa, li huma importanti ħafna biex jiżguraw livell adegwat ta' kumparabblià bejn l-informazzjoni provduta mill-kumpaniji differenti.

Emenda 185
Arlene McCarthy

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt d
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19 – paragrafi 1a – 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) Fl-Artikolu 19 jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

'1a. Għal impriżi kbar u l-entitajiet ta' interess pubbliku kollha, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li tkun tinkludi informazzjoni dwar l-impatt tal-attività tal-impriża fuq is-soċjetà fir-rigward ta', mill-inqas, kwistjonijiet ambjentali, soċjali, tal-ġeneru u tal-impjeg, inkluż id-djalogu soċjali u r-rispett għad-drittijiet tat-trade unions, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

(a) deskrizzjoni tal-politika, inklużi l-miri għal tul ta' żmien medju u fit-tul, segwita mill-impriżi fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet, filwaqt li tirreferi wkoll għall-proċessi ta' diliġenza dovuta implimentati;

(b) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

(c) l-inċidenti sinifikanti li seħħew matul il-perjodu ta' rappurtar b'rabta ma' dawn il-kwistjonijiet;

(d) ir-riskji attwali u potenzjali għall-impriża u s-soċjetà relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif l-impriża tiġġestixxi dawk ir-riskji.

Meta l-impriża ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew diversi minn dawn kwistjonijiet, l-analiżi għandha tipprovdi spjegazzjoni għalfejn m'għamlitx dan. L-ispjegazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tar-riskji tad-deċiżjoni li ma jiġux segwiti politiki relatati ma' dawn il-kwistjonijiet.

L-impatt tal-attivitajiet tal-impriża fuq is-soċjetà għandu jinkludi l-impatti li jinħolqu mill-attivitajiet tal-impriża kif ukoll dawk li jinħolqu mill-attivitajiet ta' impriża oħrajn li huma marbuta mal-kumpanija li tkun qed tirrapporta permezz ta' relazzjonijiet kummerċjali, bħalma huma inizjattivi ta' impriża konġunta u l-ktajjen tal-provvista u ta' subkuntrattar.

1b. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati b'konformità mal-Artikolu 49, sa tmiem l-2015, u taġġorna regolarment, il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja. Dawn il-linji gwida għandhom jibbażaw fuq il-Prinċipji Gwida dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplementaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar. Il-linji gwida għandu jkun fihom dispożizzjonijiet ġenerali kif ukoll dispożizzjonijiet ibbażati skont is-settur. Dawn il-linji gwida għandu jkun fihom Indikaturi Prinċipali tal-Prestazzjoni (KPIs) settorjali fil-kwistjonijiet li dwarhom trid tiġi pprovduta informazzjoni. Il-KPIs żviluppanti biex jiġtejjel l-impatt tal-attività tal-kumpanija rigward kwistjonijiet ambjentali għandhom minimament ikopru l-użu tal-

art, l-użu tal-ilma, l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u l-użu ta' materjali.

1c. Meta tippovdi l-informazzjoni definita fil-Paragrafu 1(a), l-impriża għandha tibbaża fuq il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja, minn sena wara l-adozzjoni tagħhom. Qabel dak iż-żmien, il-kumpanija għandha tibbaża ruħha għall-inqas fuq il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Barra minn hekk, l-impriża tista' tibbaża wkoll fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk għandha tispeċifika fuq liema oqfsa bbażat.

1d. Sal-punt safejn ikun meħtieġ biex jiġu mifhuma l-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-impriża, l-analiżi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negozju partikolari.

1e. Fl-analiżi msemmija fil-paragrafu 1, ir-rapport tal-ġestjoni għandu, fejn xieraq, jinkludi referenzi għall-ammonti rrapportati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, u spjegazzjonijiet addizzjonali dwarhom.'

Or. en

Emenda 186
Evelyn Regner

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) Fl-Artikolu 19, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

2a. Fin-noti mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, impriżi kbar u entitajiet ta' interess pubbliku għandhom jiddivulgaw, filwaqt li jispeċifikaw skont l-Istat Membru u skont il-pajjiż terz li huma stabbiliti fihom, l-informazzjoni li ġejja fuq bażi konsolidata għas-sena finanzjarja:

- a) l-isem, in-natura tal-attivitajiet u l-post ġeografiku;***
- b) il-fatturat;***
- c) l-għadd ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full time;***
- d) il-bejgħ u x-xiri;***
- e) il-qligħ jew telf qabel it-taxxa;***
- f) it-taxxa fuq il-qligħ jew it-telf;***
- g) is-sussidji pubbliċi riċevuti.***

Or. en

Emenda 187
Sergio Gaetano Cofferati

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt d
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

'4. Meta kumpanija tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja u tibbaża fuq oqfsa

nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(a) skont id-dispożizzjonijiet speċifiċi definiti fih u skont il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja, għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(a), sakemm dan ir-rapport ikun parti mir-rapport tal-ġestjoni u jkun fih l- Indikaturi Prinċipali tal-Prestazzjoni rilevanti skont il-paragrafu 1(b).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi garantita l-flessibbiltà essenzjali għall-kumpaniji u, fl-istess ħin, jiġi garantit livell adegwat ta' trasparenza u komparabbiltà, jeħtieġ li l-kumpaniji jużaw l-Indikaturi Prinċipali tal-Prestazzjoni rilevanti konsistenti mal-informazzjoni pprovduta fl-oqsma koperti bir-rapport mhux finanzjarju, anki f'każijiet fejn tali kumpaniji jużaw oqsfa ta' rappurtar differenti.

Emenda 188 **Tadeusz Zwiefka**

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt d
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19 – paragrafi 4a u 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) Fl-Artikolu 19 jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

'4a. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lil entitajiet ta' interess pubbliku mill-obbligu stipulat fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(1) safejn dan jirrelata mal-paragrafu 1a.'

'4b. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-impriżi żgħar u medji mill-obbligu stabilit fil-paragrafu 1b u 1c safejn dan

Emenda 189

Sharon Bowles, Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva

Artikolu 2a (ġdid) – punt e

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(e) Fl-Artikolu 20(1), jiddaħħal il-punt li
ġejj:*

*(ca) Sabiex tiġi vvalutata l-proporzjonalità
tal-metodi tat-tnaqqis tat-taxxi użati minn
impriża, għandha tiġi speċifikata
deskrizzjoni tal-arranġamenti tal-ippjanar
tat-taxxi tal-impriża li mill-inqas tinkludi:*

*(i) arranġamenti aggressivi tal-ippjanar
tat-taxxa, inkluża s-sustanza ġenerali tal-
parir irċevut;*

*(ii) l-arranġamenti tal-prezzijiet tat-
trasferimenti u jekk kienx hemm qbil
dwar il-prezzijiet tat-trasferimenti mill-
awtoritajiet tad-dħul f'kull wieħed mill-
pajjiżi kkonċernati;*

*(iii) deċiżjonijiet tal-istabbiliment
permanenti u lista ta' pajjiżi fejn l-impriża
tagħmel kummerċ mingħajr ma jkollha
stabbiliment permanenti;*

*(iv) metodi ta' erożjoni tal-bażi permezz
ta' tnaqqis tal-interessi, royalties u
pagamenti finanzjarji oħrajn, inkluż fejn
id-ditti huma żviluppanti, fejn huma
mħallsa mis-sussidjarji u jekk humiex
proprjetà tal-kumpanija prinċipali fil-bażi
operattiva ewlenija tagħhom jew le, fejn
jinsab id-domiċilju għal raġunijiet ta'
taxxa;*

(v) fejn isiru r-riċerka u l-iżvilupp u kif dawn huma rkuprati mis-sussidjarji.

Or. en

Emenda 190
Olle Ludvigsson

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt e
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) Fl-Artikolu 20(1), jiżdied il-punt li ġej:
'(fa) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-impriża għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward tal-ġeneru u aspetti oħra bħalma huma l-età, l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità, l-isfond edukattiv u professjonali u r-rappreżentanza tal-impjegati, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, il-mod ta' kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar.'

Or. en

Emenda 191
Sergio Gaetano Cofferati, Arlene McCarthy

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt e
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) Fl-Artikolu 20(1), jiżdied il-punt li ġej:
(fa) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-impriża għall-korpi

amministrattivi, manġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward tal-ġeneru u aspetti oħra bħalma huma l-età, id-diversità ġeografika, id-diżabilità, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar'.

Or. en

Emenda 192
Sajjad Karim

Proposta għal direttiva

Artikolu 2a (ġdid) – punt eDirettiva 2013/34/UE
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) Fl-Artikolu 20(1), jiżdied il-punt li ġej:
(fa) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-impriża għall-korpi amministrattivi, manġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età, il-ġeneru u d-diżabilità, l-objettivi ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar. Jekk l-impriża ma għandhiex tali politika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ċara u motivata dwar għalfejn dan hu l-każ.

Or. en

Emenda 193
Sharon Bowles, Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva

Artikolu 2a (ġdid) – punt e
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)

(e) Fl-Artikolu 20, għandu jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

1a. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-impriżi kbar u l-entitajiet ta' interess pubbliku kollha biex jiddivulgaw annwalment b'mod pubbliku rapport għal kull pajjiż fuq bażi kkonsolidata għas-sena finanzjarja.

Dawn l-obbligi ma japplikawx għal kwalunkwe impriża rregolata mid-dritt ta' Stat Membru li tkun sussidjarja jew impriża prinċipali, fejn iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) l-impriża prinċipali tkun soġġetta għal-liġijiet ta' Stat Membru; kif ukoll

(b) ir-rapport għal kull pajjiż magħmul mill-impriża huwa inkluż fir-rapport ikkonsolidat dwar il-pagamenti lill-gvernijiet imħejji minn dik l-impriża prinċipali skont l-Artikolu 39.

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun awditjata f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE.

Il-Kummissjoni għandha twettaq rapport ta' valutazzjoni ġenerali dwar il-konsegwenzi ekonomiċi potenzjali tad-divulgazzjoni pubblika tar-rapport għal kull pajjiż, ħlief għal daww l-entitajiet li jiddivulgaw pubblikament skont l-Artikolu 42, inkluż l-impatt fuq il-kompetittività u l-investment, u tista' tikkunsidra li tirrakkomanda li din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-awtoritajiet tat-taxxa kompetenti, fil-każ ta' valutazzjoni negattiva biss. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew sal-31 ta' Diċembru 2015.

Or. en

Emenda 194
Sharon Bowles

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt e
Direttiva 2013/34/UE Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) Fl-Artikolu 20, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

1a. Impriżi kif definiti fl-Artikolu 2, paragrafi 1(a), (b) u (c) u l-Artikolu 3, paragrafu 4 għandhom jipproduċu, u jagħmlu pubbliku, Rapport dwar ir-Responsabilità Speċjali li għandu jinkludi:

(a) proċeduri li jqisu r-responsabilità speċjali tagħhom inkluż ir-rikonoxximent tagħhom fit-taħriġ, l-evalwazzjonijiet u l-mekkaniżmi ta' twissija tal-persunal;

(b) sistemi ta' arbitraġġ regolatorju u, fejn japplika, proċeduri ta' kummerċ regolatorju użati sabiex jitnaqqas il-kapital jew rekwiżiti prudenzjali oħrajn;

(c) fejn ikun hemm kunflitti osservati bejn l-istabilità tal-kumpanija u l-ekonomija usa', dan għandu jiġi rappurtat lill-awtorità kompetenti.

Or. en

Emenda 195
Sharon Bowles, Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt e
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

'3. L-awditur jew ditta tal-awditjar statutorji għandhom jesprimu opinjoni skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(1) rigward l-informazzjoni ppreparata taħt il-punti (c), (ca), (cb) u (d) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandhom jivverifikaw jekk l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b), (e), (f) u (g) tal-paragrafu 1 u l-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu tkunx ingħatat.'

Or. en

Emenda 196
Alexandra Thein

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 a (ġdid) – punt f
Direttiva 2013/34/UE Artikolu 29 – paragrafi 1a, 3a u 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) L-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu li ġej huwa miżjud:

'1a. Għall-finijiet ta' paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-analiżi ta' entitajiet ta' interess pubbliku li huma l-impriżi prinċipali ta' grupp kbir u li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500, għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata mill-inqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

(a) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-grupp fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;

(b) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

(c) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-grupp jimmaniġġja

dawk ir-riskji.

Meta grupp ma jipprovdi informazzjoni fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, l-analiżi għandha tippovdi spjegazzjoni għaliex ma jagħmilx dan.

Meta tippovdi l-informazzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu, l-impriża prinċipali tista' tibbaża fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u jekk ikun il-każ, l-impriża prinċipali għandha tispeċifika fuq liema oqfsa bbażat.'

(b) Qed jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

'3a. Għall-finijiet ta' paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta impriża prinċipali theggi rapport komprensiv li jikkorrispondi mal-istess sena finanzjarja u jirreferi għall-grupp kollu, ibbażat fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1a, l-impriża prinċipali għandha tkun eżentata mill-obbligu li theggi d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stabbilita fil-paragrafu 1a, sakemm ir-rapport komprensiv ikun parti minn rapport tal-ġestjoni kkonsolidat.

3b. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, impriża prinċipali li hija wkoll impriża sussidjarja għandha tkun eżentata mill-obbligi stipulati fil-paragrafu 1a jekk l-impriża eżentata u s-sussidjarji tagħha jkunu inklużi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapport tal-ġestjoni kkonsolidat ta' impriża oħra u dak ir-rapport tal-ġestjoni kkonsolidat ikun imfassal bi qbil ma' dan l-Artikolu.'

Or. en

Emenda 197
Olle Ludvigsson

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt f
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) Fl-Artikolu 29, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

'1a. Għal finijiet ta' paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-analiżi tal-impriżi prinċipali ta' grupp kbir għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja bl-informazzjoni relatata mill-inqas mal-kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

(i) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-grupp fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;

(ii) ir-riżultati ta' dawn il-politiki, inklużi deskrizzjonijiet ta' devjazzjonijiet mill-politiki u ksur tagħhom, u l-azzjoni meħuda biex jiġu trattati tali sitwazzjonijiet;

(iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-grupp jimmaniġġja dawk ir-riskji;

(iv) deskrizzjoni tal-objettivi u r-riżultati tal-operazzjonijiet ta' diliġenza dovuta li jwettaq il-grupp sabiex jiżgura li l-politiki huma applikati u r-riskji huma ġestiti tul il-katini kollha tal-provvista tagħha, inklużi l-fornituri, subkuntratturi u sħab kummerċjali oħra.

Meta l-grupp ma jsegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, l-analiżi għandha ttipprovdi spjegazzjoni ċara u motivata għaliex ma jagħmilx dan.

Meta ttiprovdi l-informazzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu, l-impriża prinċipali għandha tibbaża fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew

internazzjonali u għandha tispeċifika fuq liema oqfsa bbażat.

Safejn hu meħtieġ biex ikunu mifhuma l-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-grupp, l-analiżi għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negozju partikolari.

Meta jipprovd i l-analiżi, l-analiżi għandha, fejn ikun xieraq, tinkludi referenzi għal, u spjegazzjonijiet ulterjuri dwar, l-ammonti rappurtati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali.'

Or. en

Emenda 198
Rebecca Taylor, Cecilia Wikström

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt f
Direttiva 2013/34/KE
Artikolu 29 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) Fl-Artikolu 29, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

'1a. Għall-finijiet ta' paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-analiżi tal-impriżi prinċipali ta' grupp kbir u li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500, għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata mill-inqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

(a) deskrizzjoni tal-politiki segwiti mill-impriża fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet,

(b) ir-riżultati ta' dawk il-politiki;

c) ir-riskji relatati ma' kwistjonijiet marbuta mal-attivitajiet, l-operazzjonijiet, il-prodotti u servizzi tal-impriża jew permezz tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħha li aktarx li jikkawżaw impatti negattivi f'dawn l-oqsma;

(d) kif il-kumpanija tiġġestixxi dawk ir-riskji, inkluż permezz ta' proċessi ta' diliġenza dovuta.

Meta l-grupp ma jsegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, l-analiżi għandha tipprovdi spjegazzjoni motivata għaliex ma jagħmilx dan.

Meta tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa skont l-ewwel subparagrafu, l-impriża prinċipali tista' tibbaża fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u jekk ikun il-każ, l-impriża prinċipali għandha tispeċifika fuq liema oqfsa bbażat.

Or. en

Emenda 199
Sergio Gaetano Cofferati

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt f
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29 – paragrafi 1a – 1c (ġodda)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) Fl-Artikolu 29 jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

'1a. Għall-finijiet ta' paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-analiżi ta' impriżi prinċipali ta' grupp kbir għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li tkun tinkludi informazzjoni dwar l-impatt tal-

attività tal-grupp fuq is-soċjetà fir-rigward ta', mill-inqas, kwistjonijiet ambjentali, soċjali, tal-ġeneru u tal-impjeg, inkluż id-djalogu soċjali u r-rispett għad-drittijiet tat-trade unions, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

(a) deskrizzjoni tal-politika, inklużi l-miri għal tul ta' żmien medju u fit-tul, segwiti mill-grupp fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet, filwaqt li tirreferi wkoll għall-proċessi ta' diliġenza dovuta implimentata;

(b) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

(c) l-inċidenti sinifikanti li seħħew matul il-perjodu ta' rappurtar b'rabta ma' dawn il-kwistjonijiet;

(d) ir-riskji attwali u potenzjali għall-grupp u s-soċjetà relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif l-impriża tiġġestixxi dawk ir-riskji.

Meta l-grupp ma jsegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew diversi minn dawn il-kwistjonijiet, l-analiżi għandha tipprovdi spjegazzjoni għalfejn m'għamilx dan. L-ispjegazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tar-riskji tad-deċiżjoni li ma jiġux segwiti politiki relatati ma' dawn il-kwistjonijiet.

L-impatt tal-attivitajiet tal-grupp fuq is-soċjetà għandu jinkludi l-impatti li jinħolqu mill-attivitajiet tal-grupp kif ukoll dawk li jinħolqu mill-attivitajiet ta' impriżi oħrajn li huma marbuta mal-kumpanija li tkun qed tirrapporta permezz ta' relazzjonijiet kummerċjali, bħalma huma inizjattivi ta' impriża konġunta u l-ktajjen tal-provvista u ta' subkuntrattar.

1b. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati b'konformità mal-Artikolu 49 tad-Direttiva 2013/34 il-ġdida, sa tmiem l-2015, u taġġorna regolarment, il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-

dikjarazzjoni mhux finanzjarja. Dawn il-linji gwida għandhom jibnu fuq il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Il-linji gwida għandu jkun fihom dispożizzjonijiet ġenerali kif ukoll dispożizzjonijiet ibbażati skont is-settur. Dawn il-linji gwida għandu jkun fihom Indikaturi Prinċipali tal-Prestazzjoni (KPIs) settorjali fil-kwistjonijiet li dwarhom trid tiġi pprovduta informazzjoni. Il-KPIs żviluppati biex jitkejjel l-impatt tal-attività tal-kumpanija rigward kwistjonijiet ambjentali għandhom minimament ikopru l-użu tal-art, l-użu tal-ilma, l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u l-użu ta' materjali.

1c. Meta tipprovi l-informazzjoni definita fil-Paragrafu 1(a), l-impriża prinċipali għandha tibbaża fuq il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja, minn sena wara l-adozzjoni tagħhom. Qabel dak iż-żmien, l-impriża prinċipali għandha tibbaża ruħha mill-inqas fuq il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Barra minn hekk, l-impriża prinċipali tista' tibbaża wkoll fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk, għandha tispeċifika fuq liema oqfsa bbażat.

1d. Sal-punt safejn ikun meħtieġ biex jiġu mifhuma l-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-grupp, l-analiżi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi kemm l-

*indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni
finanzjarji kif ukoll dawk mhux
finanzjarji rilevanti għal dak in-negozju
partikolari.*

*1e. Fl-analiżi msemmija fil-paragrafu 1,
ir-rapport tal-ġestjoni għandu, fejn
xieraq, jinkludi referenzi għall-ammonti
rrappurtati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji
annwali, u spjegazzjonijiet addizzjonali
dwarhom.'*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Importanti li jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma konsistenti mad-definizzjoni l-ġdida ta' Responsabilità Soċjali Korporattiva u li l-limiti huma l-istess bħal dawk definiti fid-Direttivi dwar il-Kontabbiltà. Id-dikjarazzjoni mhux finanzjarja għandha tinkludi informazzjoni dwar kwalunkwe inċident sinifikanti relatat mal-kwistjonijiet definiti, minħabba li din l-informazzjoni hi meħtieġa biex tipprovdi l-konsumaturi u l-investituri b'vista ċara u komprensiva dwar l-impatt tal-attività tal-kumpaniji. Kif imsemmi fir-Rapporti tal-Parlament Ewropew dwar ir-Responsabilità Soċjali Korporattiva, l-informazzjoni mhux finanzjarja għandha tkopri wkoll il-ktajjen tas-subkuntratturi u tal-provvista. Huwa meħtieġ li l-investituri u l-konsumaturi huma infurmati dwar il-valutazzjoni tar-riskji mwettqa mill-kumpaniji talli ma jkunux segwew politika fil-kwistjonijiet definiti ta' rappurtar mhux finanzjarju. Biex tiġi evitata kwalunkwe inċertezza legali għall-kumpaniji, hu propost li l-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dawn il-linji gwida għandhom jinkludu fihom l-Indikaturi Prinċipali tal-Prestazzjoni xierqa, li huma importanti ħafna biex jiżguraw livell adegwat ta' kumparabbiltà bejn l-informazzjoni provduta mill-kumpaniji differenti.

Emenda 200
Arlene McCarthy

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt f
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29 - paragrafi 1a – 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(f) Fl-Artikolu 29 jiddaħħlu l-paragrafi li
ġejjin:**

**'1a. Għall-finijiet ta' paragrafu 1 ta' dan
l-Artikolu, l-analiżi ta' impriżi prinċipali**

ta' grupp kbir għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li tkun tinkludi informazzjoni dwar l-impatt tal-attività tal-grupp fuq is-soċjetà fir-rigward ta', mill-inqas, kwistjonijiet ambjentali, soċjali, tal-ġeneru u tal-impjeg, inkluż id-djalogu soċjali u r-rispett għad-drittijiet tat-'trade unions', u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:

(a) deskrizzjoni tal-politika, inklużi l-miri għal tul ta' żmien medju u fit-tul, segwiti mill-grupp fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet, filwaqt li tirreferi wkoll għall-proċessi ta' diliġenza dovuta implimentata;

(b) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;

(c) l-inċidenti sinifikanti li seħħew matul il-perjodu ta' rappurtar b'rabta ma' dawn il-kwistjonijiet;

(d) ir-riskji attwali u potenzjali għall-impriża u s-soċjetà relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif l-impriża tiġġestixxi dawk ir-riskji.

Meta l-grupp ma jsegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew diversi minn dawn il-kwistjonijiet, l-analiżi għandha tipprovdi spjegazzjoni għalfejn m'għamilx dan. L-ispjegazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tar-riskji tad-deċiżjoni li ma jiġux segwiti politiki relatati ma' dawn il-kwistjonijiet.

L-impatt tal-attivitajiet tal-grupp fuq is-soċjetà għandu jinkludi l-impatti li jinħolqu mill-attivitajiet tal-grupp kif ukoll dawk li jinħolqu mill-attivitajiet ta' impriżi oħrajn li huma marbuta mal-kumpanija li tkun qed tirrapporta permezz ta' relazzjonijiet kummerċjali, bħalma huma inizjattivi ta' impriża konġunta u l-ktajjen tal-provvista u ta' subkuntrattar.

1b.II-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati b'konformità mal-Artikolu 49 tad-Direttiva 2013/34 il-ġdida, sa tmiem l-2015, u taġġorna regolarment,

il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja. Dawn il-linji gwida għandhom jibbażaw fuq il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar. Il-linji gwida għandu jkun fihom dispożizzjonijiet ġenerali kif ukoll dispożizzjonijiet ibbażati skont is-settur. Dawn il-linji gwida għandu jkun fihom Indikaturi Prinċipali tal-Prestazzjoni (KPIs) settorjali fil-kwistjonijiet li dwarhom trid tiġi pprovduta informazzjoni. Il-KPIs żviluppata biex jitkejjel l-impatt tal-attività tal-kumpanija rigward kwistjonijiet ambjentali għandhom minimament ikopru l-użu tal-art, l-użu tal-ilma, l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u l-użu ta' materjali.

1c. Meta tipprovi l-informazzjoni definita fil-Paragrafu 1(a), l-impriża prinċipali għandha tibbaża fuq il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva relatati mad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja, minn sena wara l-adozzjoni tagħhom. Qabel dak iż-żmien, l-impriża prinċipali għandha tibbaża ruħha mill-inqas fuq il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Barra minn hekk, l-impriża prinċipali tista' tibbaża wkoll fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk, għandha tispeċifika fuq liema oqfsa bbażat.

1d. Sal-punt safejn ikun meħtieġ biex jiġu

mifhuma l-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-grupp, l-analiżi msemija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għal dak in-negozju partikolari.

1e. Fl-analiżi msemija fil-paragrafu 1, ir-rapport tal-ġestjoni għandu, fejn xieraq, jinkludi referenzi għall-ammonti rrapportati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, u spjegazzjonijiet addizzjonali dwarhom.'

Or. en

Emenda 201
Sergio Gaetano Cofferati

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt f
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) Fl-Artikolu 29, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

'3a. Għall-finijiet ta' paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta impriża prinċipali tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja, u jirreferi għall-grupp kollu, billi tuża oqsfa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u tkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(a) skont id-dispożizzjonijiet speċifiċi definiti hemmhekk u skont il-linji gwida għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' din id-Direttiva fir-rigward tad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja, l-impriża prinċipali għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(a), sakemm dan

*ir-rapport ikun parti mir-rapport tal-
ġestjoni u jkun fih l-Indikaturi Prinċipali
tal-Prestazzjoni rilevanti skont il-
paragrafu 1(b).*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi garantita l-flessibbiltà essenzjali għall-kumpaniji u, fl-istess ħin, jiġi garantit livell adegwat ta' trasparenza u komparabbiltà, jeħtieġ li l-kumpaniji jużaw l-Indikaturi Prinċipali tal-Prestazzjoni rilevanti konsistenti mal-informazzjoni pprovduta fl-oqsma koperti bir-rapport mhux finanzjarju, anki f'każijiet fejn tali kumpaniji jużaw ofsa ta' rappurtar differenti.

Emenda 202

Martin Kastler, Manfred Weber

Proposta għal direttiva

Artikolu 2a (ġdid) – punt g

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 34

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*id-dikjarazzjoni mhux finanzjarja bħala
parti mir-rapport annwali jew ir-referenza
fir-rapport annwali għal rapport
komprensiv jew rapport meħmuż mar-
rapport annwali m'għandhomx ikunu
koperti mill-awditu tal-kontijiet annwali
mwettqa skont il-paragrafu 51 tal-
Kapitolu 11.*

Or. de

Emenda 203

Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva

Artikolu 2a (ġdid) – punt h

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 41a (ġdid)

(h) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 41a

Divulgazzjoni għal kull pajjiż għas-setturi kollha

1. L-Istati Membri għandhom jesigū lil kull kumpanija biex kull sena tiżvela pubblikament, waqt li tispeċifika skont l-Istat Membru u skont il-pajjiż terz li fih għandha stabbiliment, l-informazzjoni li ġejja fuq bażi konsolidata għas-sena finanzjarja:

a) l-isem/ismijiet, in-natura tal-attivitajiet u l-lokalità ġeografika;

b) il-fatturat;

c) l-għadd ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full time;

d) il-qligħ jew telf qabel it-taxxa;

e) it-taxxa fuq il-qligħ jew it-telf,

f) is-sussidji pubbliċi riċevuti.

2. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika għal kwalunkwe kumpanija ggvernata mil-liġi ta' Stat Membru li l-kumpanija prinċipali tagħha hija suġġetta għal-liġijiet ta' Stat Membru u li l-informazzjoni tagħha hija inkluża fl-informazzjoni divulgata minn dik il-kumpanija/intrapriża prinċipali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi awditjata skont id-Direttiva 2006/43/KE u għandha tiġi ppubblikata, fejn possibbli, bħala anness għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jew, fejn japplika, għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tal-kumpanija kkonċernata."

Or. en

Emenda 204
Martin Kastler, Manfred Weber

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt i
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 42 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Jekk impriża temmen li l-issodisfar tal-obbligi ta' rappurtar stipulati fil-paragrafu 1 jesponuha għal riskji ekonomiċi u legali mhux xierqa, għandha tinforma lill-Kummissjoni bla ebda dewmien indebit.

Il-Kummissjoni għandha tinvestiga biex tiddetermina liema informazzjoni tista' tiġi żvelata u tista' tagħti lill-impriża eżenzjoni speċjali mill-obbligu tad-divulgazzjoni fir-rigward ta' pagamenti jew kategorija partikolari ta' pagamenti lil korpi governattivi fl-Istat konċernat. F'każijiet tali l-Kummissjoni għandha tiftaħ diskussjonijiet mal-Istat konċernat bl-għan li tiżgura qbil dwar id-divulgazzjoni tal-informazzjoni konċernata. Jekk il-qbil jintlaħaq, il-kummissjoni għandha tirrevoka l-eżenzjoni speċjali mill-obbligi ta' divulgazzjoni mogħtija lill-impriża.

Or. de

Emenda 205
Luis de Grandes Pascual

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt i
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 42 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) Fl-Artikolu 41, il-paragrafu li ġej

huwa miżjud:

2a. Meta l-pubblikazzjoni ta' ċerti tipi ta' informazzjoni mitluba skont l-Artikolu 42(1) tikser ir-regoli applikabbli f'pajjiż terz, il-Kummissjoni tista', fuq talba tal-impriża, tieġu l-passi meħtieġa biex tikseb l-awtorizzazzjoni tal-pajjiż terz għall-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni jew, fin-nuqqas ta' dan, tagħti eżenzjoni proviżorja lill-impriża. L-applikazzjoni tal-impriża jeħtieġ tkun akkumpanjata minn dokumentazzjoni li tagħti l-provi li jeżistu riskji legali u kummerċjali serji għall-impriża jew l-impjegati tagħha.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-emenda tintroduċi klawżola li tkopri każijiet ta' force majeure, bl-għan li tiproteġi l-impriżi Ewropej minn riskji serji ta' penali kriminali jew telf ta' kuntratti li mbagħad jintrebħu minn kompetituri ta' pajjiżi terzi bħala riżultat ta' diskrepanzi legali. Id-dispożizzjoni tiġi implimentata f'każijiet eċċezzjonali, skont l-objettivi tad-Direttiva dwar it-trasparenza.

Emenda 206
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt j
Direttiva 2013/34
Artikolu 50a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(j) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 50a

Il-monitoraġġ u l-infurzar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi adegwati u effikaċi sabiex jissorveljaw u jinfurzaw id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja mill-kumpaniji, b'konformità

mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

2 L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ġudizzjarji u/jew amministrattivi għall-infurzar tal-obbligi fl-ambitu ta' din id-Direttiva jkunu disponibbli għall-persuni kollha, inklużi l-entitajiet legali, li skont il-kriterji stabbiliti fid-dritt nazżjonali tagħhom, ikollhom interess leġittimu li jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu osservati.”

Or. en

Emenda 207

Sergio Gaetano Cofferati, Arlene McCarthy

Proposta għal direttiva

Artikolu 2a (ġdid) – punt k

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 51a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(k) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġejj:

Artikolu 51a

Rieżami tad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja msemmija fl-Artikoli 19 u 29

Il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni u l-effikaċja tad-dispożizzjonijiet rigward id-dikjarazzjoni mhux finanzjarja.

Ir-rieżami għandu jqis l-iżviluppi internazzjonali u jivvaluta l-impatt ta' reġimi internazzjonali oħra. Dan għandu jiġi komplut sal-aħħar tal-2016.

Ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposta leġiżlattiva, fejn xieraq.

Or. en

Emenda 208
Eva Lichtenberger

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid) – punt 1
Direttiva 2013/34
Artikolu 53a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 53a

Reviżjoni

Mhux iżjed tard minn [tliet snin wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-dispożizzjonijiet fl-[Artikolu 46 tad-Direttiva 78/660/KEE, kif emendata bil-proposta attwali tal-Kummissjoni u li għandhom jiġu integrati fid-Direttiva 2013/34/UE, referenza ġdida li għadha mhux magħrufa] u tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkompanjati bi proposti leġiżlattivi jekk xieraq, dwar:

- l-informazzjoni mhux finanzjarja divulgata u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inkluża l-kopertura tal-katina tal-provvista, jekk humiex provduti gwida u metodi xierqa u jekk l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni humiex qed jintlaħqu;

- il-progress mar-rappurtar mhux finanzjarju madwar id-dinja;

- l-implimentazzjoni tal-Qafas tan-NU "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Prinċipji ta' Gwida tiegħu kif ukoll il-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali tal-OECD;

- l-użu ta' indikaturi għall-użu tal-art, l-użu tal-ilma, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-użu tal-materjali; kif ukoll

- l-effikaċġa ta' mekkaniżmi eżistenti ta' verifika u infurzar."

Or. en

Emenda 209

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1– subparagrafi 1 – nota ta' qiegħ il-paġna 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

15. *Sentejn* wara d-dħul fis-seħħ.

15. *Ħames snin* wara d-dħul fis-seħħ.

Or. de

Emenda 210

Alexandra Thein

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li d-dispożizzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu jkunu l-ewwel japplikaw għal impriżi li jaqgħu taħt il-liġi ta' Stat Membru li t-titoli trasferibbli tiegħu huma ammessi għan-negożjar f'suq regolat ta' kwalunkwe Stat Membru skont it-tifsira tal-punt 14 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji għas-sena finanzjarja li tibda fl-1 ta' Jannar 201¹⁶, u għall-impriżi l-oħra kollha li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikoli 1 u 2 għas-sena finanzjarja li tibda fl-1 ta' Jannar 201¹⁷.

imħassar

¹⁶ L-ewwel sena wara l-iskadenza tat-

traspożizzjoni

¹⁷ *It-tieni sena wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni*

Or. en

Emenda 211

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1– subparagrafu 2 – nota ta' qiegħ il-paġna 16

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

16. *L-ewwel* sena wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni

16. *It-tieni* sena wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni

Or. de

Emenda 212

Markus Pieper, Markus Ferber, Thomas Mann, Werner Langen, Angelika Niebler

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1– subparagrafu 2 – nota ta' qiegħ il-paġna 17

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

17. *It-tieni* sena wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni

17. *It-tielet* sena wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni

Or. de

Emenda 213

Alexandra Thein

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fl-

imħassar

*okkażżjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali
tagħhom. L-Istati Membri għandhom
jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali
referenza.*

Or. en